ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 23

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

27 ta' Jannar 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi proċeduri biex jitwettqu spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni** ([1]) .......... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistipula r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika għall-Ajru Uniku Ewropew** ([1]) .......... 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 74/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 341/2007, (KE) Nru 1580/2007 u (KE) Nru 376/2008 rigward il-kundizzjonijiet għal u l-forma tan-notifiki li għandhom isiru lill-Kummissjoni** .......... 28

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 75/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .......... 31

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 76/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 .......... 33

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**Prezz: 4 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

IV *Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom*

2010/48/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà** ............. 35

2010/49/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li tiddetermina l-ewwel reġjuni għall-bidu tal-attivitajiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 8542)* ........ 62

MT

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 72/2010

**tas-26 ta' Jannar 2010**

**li jistabbilixxi proċeduri biex jitwettqu spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ([1]), u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tkun issorveljata l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq spezzjonijiet. L-organizzazzjoni tal-ispezzjonijiet taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni hija meħtieġa sabiex tkun ivverifikata l-effikaċja tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tal-kwalità.

(2) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien matul it-tħejjija u t-twettiq tal-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni.

(3) Il-Kummissjoni għandha jkollha l-possibbiltà li tinkludi fit-tims tagħha tal-ispezzjoni awdituri nazzjonali kkwalifikati li jkunu tpoġġew għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri.

(4) L-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni u r-rappurtar tagħhom għandhom jitwettqu skont proċedura stabbilita, li tinkludi metodoloġija standard.

(5) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-nuqqasijiet identifikati waqt l-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni jitranġaw fil-pront.

(6) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' twettaq spezzjonijiet ta' segwitu sabiex tivverifika r-rettifika tan-nuqqasijiet.

(7) Għandu jkun hemm proċess biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet meqjusa tant serji li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fil-Komunità.

(8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont il-fehma tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### KAPITOLU I

### SUĠĠETT U TIFSIRIET

*Artikolu 1*

**Is-suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċeduri għat-twettiq ta' spezzjonijiet mill-Kummissjoni biex tkun issorveljata l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 mill-Istati Membri. L-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom ikopru lill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri u l-ajruporti, l-operaturi u l-entitajiet magħżulin li japplikaw l-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod trasparenti, effikaċi, armonizzat u konsistenti.

*Artikolu 2*

**It-tifsiriet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

1. "awtorità xierqa" tfisser l-awtorità nazzjonali maħtura minn Stat Membru skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008;

([1]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.

2. "spezzjoni mill-Kummissjoni" tfisser eżaminazzjoni, mill-ispetturi tal-Kummissjoni, tal-kontrolli eżistenti tal-kwalità u tal-miżuri, tal-proċeduri u tal-istrutturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili eżistenti sabiex jiġi ddeterminat il-livell tal-konformità mar-Regolament (KE) Nru 300/2008;

3. "spettur tal-Kummissjoni" tfisser persuna kkwalifikata kif xieraq impjegata mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru biex twettaq attivitajiet ta' sorveljanza tal-konformità fuq livell nazzjonali, f'isem l-awtorità xierqa u magħżula biex tieħu sehem fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni;

4. "Kumitat" tfisser il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008;

5. "nuqqas" tfisser nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 300/2008;

6. "awditur nazzjonali" tfisser persuna impjegata mill-Istat Membru biex twettaq attivitajiet ta' sorveljanza tal-konformità fuq livell nazzjonali f'isem l-awtorità xierqa;

7. "test" tfisser prova tal-miżuri tas-sigurtà tal-avjazzjoni, fejn tiġi ssimulata l-intenzjoni li titwettaq azzjoni ta' interferenza kontra l-liġi bil-għan li tiġi eżaminata l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti tas-sigurtà;

8. "miżura ta' kumpens" tfisser miżura temporanja jew firxa ta' miżuri bil-għan li jillimitaw sal-massimu possibbli l-impatt ta' nuqqas identifikat waqt it-twettiq ta' spezzjoni qabel ma tkun tista' ssir il-korrezzjoni sħiħa.

KAPITOLU II

## REKWIŻITI ĠENERALI

*Artikolu 3*

### Il-kooperazzjoni tal-Istati Membri

1. Mingħajr ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħha ta' spezzjoni. Għandu jkun hemm din il-kooperazzjoni matul il-fażijiet ta' tħejjija, ta' sorveljanza u ta' rrappurtar.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarji biex jiżguraw li n-notifika tal-ispezzjoni tinżamm kunfidenzjali sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-ispezzjoni ma jkunx kompromess.

*Artikolu 4*

### L-eżerċizzju tal-poteri tal-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-ispetturi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw l-awtorità tagħhom li jispezzjonaw l-attivitajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tal-awtorità xierqa skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 u ta' kwalunkwe ajruport, operatur u entità soġġetti għal dak ir-Regolament.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li, fuq talba, l-ispetturi tal-Kummissjoni jkollhom aċċess għal kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità mal-istandards komuni.

3. Kull fejn l-ispetturi tal-Kummissjoni jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jużaw kwalunkwe mezz fil-limiti tas-setgħat ġuridiċi tagħhom biex jassistu lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompitu kollu tagħha.

*Artikolu 5*

### Il-kriterji għall-kwalifika tal-ispetturi tal-Kummissjoni

Sabiex jikkwalifikaw għall-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni, l-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom ikollhom l-esperjenza teoretika u prattika rilevanti u għandhom ikunu lestew b'suċċess it-taħriġ.

Dan it-taħriġ għandu:

(a) ikun mogħti mis-servizzi tal-Kummissjoni;

(b) ikun inizjali u rikorrenti;

(c) jiżgura standard ta' prestazzjoni xierqa għall-għanijiet li jiġi stabbilit jekk il-miżuri tas-sigurtà humiex implimentati skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 jew le.

It-taħriġ inizjali għandu jinkludi eżami.

*Artikolu 6*

### Il-parteċipazzjoni tal-awdituri nazzjonali fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni awdituri nazzjonali li kapaċi jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni kif ukoll fil-fażijiet relatati mat-tħejjija u tar-rappurtar.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bid-dettalji ta' mill-anqas awditur nazzjonali wieħed, iżda ta' mhux aktar minn ħamsa, li jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni.

3. Lista bl-awdituri nazzjonali kollha nnominati mill-Istati Membri u li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 5 għandha tiġi kkomunikata ta' kull sena lill-Kumitat.

4. Awditur nazzjonali m'għandux jipparteċipa fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni fl-Istat Membru fejn hu impjegat.

5. It-talbiet biex l-awdituri nazzjonali jipparteċipaw fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità xierqa kmieni biżżejjed, normalment mill-anqas xahrejn qabel ma tkun se titwettaq l-ispezzjoni.

6. L-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-awdituri nazzjonali fl-ispezzjoni mill-Kummissjoni għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni, skont ir-regoli tal-Komunità.

KAPITOLU III

**PROĊEDURI GĦAT-TWETTIQ TAL-ISPEZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI**

*Artikolu 7*

**In-notifika tal-ispezzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-awtorità xierqa dwar spezzjoni li tkun ser titwettaq fit-territorju tagħha tal-anqas xahrejn qabel.

2. Kwestjonarju ta' qabel l-ispezzjoni li għandu jimtela mill-awtorità xierqa għandu, fejn xieraq, jiġi kkomunikat fl-istess waqt man-notifika tal-ispezzjoni, flimkien ma' talba għal kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti. Il-kwestjonarju mimli u kwalunkwe dokumentazzjoni mitluba għandhom jingħataw lill-Kummissjoni tal-anqas ġimagħtejn qabel ma tkun skedata li tibda l-ispezzjoni.

3. F'każ fejn il-Kummissjoni jkollha tagħrif li jissuġġerixxi l-eżistenza, f'ajruport, ta' nuqqasijiet li jistgħu jkollhom impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fil-Komunità, l-awtorità xierqa tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiġi kkonsultata u l-perjodu ta' notifika bil-quddiem ta' spezzjoni jista' jitqassar għal ġimagħtejn. F'dan il-każ, il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw.

*Artikolu 8*

**It-tħejjija tal-ispezzjonijiet**

1. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom iwettqu attivitajiet ta' tħejjija sabiex jiżguraw l-effiċjenza, l-eżattezza u l-konsistenza fl-ispezzjonijiet.

2. L-awtorità xierqa għandha tiġi pprovduta bl-ismijiet tal-ispetturi tal-Kummisjoni li għandhom il-mandat iwettqu spezzjoni, flimkien ma' dettalji oħra kif xieraq.

3. Għal kull spezzjoni l-awtorità xierqa għandha taħtar koordinatur li għandu jagħmel l-arranġamenti prattiċi assoċjati mal-attività tal-ispezzjoni li tkun ser titwettaq. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-koordinatur lill-Kummissjoni fi żmien tliet ġimgħat minn meta jirċievu n-notifika tal-ispezzjoni.

*Artikolu 9*

**It-twettiq tal-ispezzjonijiet**

1. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom iwettqu l-ispezzjonijiet b'mod effiċjenti u effikaċi, b'rispett sħiħ għas-sigurtà u s-sikurezza tagħhom stess u ta' ħaddieħor. L-ispetturi tal-Kummissjoni li l-imġiba tagħhom matul spezzjoni ma tilħaqx dawn l-istandards jistgħu jiġu esklużi minn spezzjonijiet oħra mill-Kummissjoni.

2. Għandha tintuża metodoloġija standard sabiex tkun issorveljata l-konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 300/2008.

It-twettiq tal-ispezzjonijiet għandu jissejjes fuq ġbir sistematiku tat-tagħrif bl-użu ta' teknika minn dawn li ġejjin jew ta' aktar minn waħda minnhom:

(a) osservazzjonijiet

(b) verifiki

(c) intervisti

(d) eżaminazzjoni tad-dokumenti u

(e) testijiet.

3. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn rappreżentant tal-awtorità xierqa meta jwettqu l-attivitajiet tal-ispezzjoni. L-imġiba tal-akkumpanjatur ma għandhiex tippreġudika l-effiċjenza jew l-effikaċja tal-attivitajiet tal-ispezzjoni.

4. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom iġorru karta tal-identità li tawtorizza l-ispezzjonijiet f'isem il-Kummissjoni u karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport li tippermetti aċċess għaż-żoni kollha meħtieġa għall-ispezzjoni. Il-format tal-karta tal-identifikazzjoni tal-ajruport ma għandhiex tippreġudika l-effiċjenza jew l-effikaċja tal-attivitajiet tal-ispezzjoni.

5. It-testijiet għandhom jitwettqu biss wara notifika bil-quddiem u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtorità xierqa.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispetturi tal-Kummissjoni jkunu awtorizzati jġorru oġġetti li jintużaw għall-għanijiet tat-testijiet, fosthom dawk li huma, jew li jidhru qishom oġġetti pprojbiti, f'kull żona li għaliha huwa meħtieġ l-aċċess waqt spezzjoni u matul it-tranżitu minn u għal spezzjoni, skont kwalunkwe protokoll miftiehem.

7. L-awtorità xierqa għandha tiġi mgħarrfa mill-aktar fis prattikabbli dwar kwalunkwe nuqqas serju identifikat waqt spezzjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 10, fi tmiem l-ispezzjoni l-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom, kull fejn ikun prattikabbli, jagħtu taqsira informali orali tas-sejbiet tagħhom fuq il-post.

*Artikolu 10*

**Ir-rapport tal-ispezzjoni**

1. Fi żmien sitt ġimgħat minn meta titlesta spezzjoni, għandu jiġi kkomunikat rapport ta' spezzjoni mill-Kummissjoni lill-awtorità xierqa.

L-awtorità xierqa għandha twassal minnufih is-sejbiet rilevanti lill-ajruport, l-operaturi jew l-entitajiet li tkun saritilhom l-ispezzjoni.

2. Ir-rapport għandu jagħti s-sejbiet tal-ispetturi, fosthom kwalunkwe nuqqas identifikat. Ir-rapport jista' jkun fih rakkomandazzjonijiet għal azzjoni ta' rimedju.

3. Meta tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, għandhom japplikaw il-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) konformi bis-sħiħ

(b) konformi, iżda hu mixtieq xi titjib

(c) mhux konformi

(d) mhux konformi, b'nuqqasijiet serji

(e) ma japplikax

(f) mhux ikkonfermat.

*Artikolu 11*

**It-tweġiba tal-awtorità xierqa**

1. Fi żmien tliet xhur mid-data li fiha jintbagħat ir-rapport ta' spezzjoni, l-awtorità xierqa għandha tagħti lill-Kummissjoni tweġiba bil-miktub għar-rapport li:

(a) tindirizza s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet;

(b) tipprovdi pjan ta' azzjoni, li jispeċifika l-azzjonijiet u l-iskadenzi, sabiex jiġi rrimedjat kwalunkwe nuqqas identifikat.

2. Fil-każ ta' spezzjoni ta' segwitu, it-tweġiba tal-awtorità xierqa għandha tingħata fi żmien sitt ġimgħat mid-data li fiha jintbagħat ir-rapport tal-ispezzjoni.

3. F'każ fejn ir-rapport tal-ispezzjoni ma jidentifika l-ebda nuqqas, ma għandha tkun meħtiega l-ebda tweġiba.

*Artikolu 12*

**Ir-rettifika tan-nuqqasijiet**

1. Ir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati waqt l-ispezzjoni għandha titwettaq fil-pront. Fejn ir-rettifika ma tkunx tista titwettaq fil-pront, għandhom jiġu implimentati miżuri ta' kumpens.

2. L-awtorità xierqa għandha tikkonferma r-rettifika tan-nuqqasijiet lill-Kummissjoni bil-miktub. Din il-konferma għandha tissejjes fuq l-attivitajiet ta' sorveljanza tal-konformità mwettqa mill-awtorità xierqa.

3. L-awtorità xierqa għandha tiġi mgħarrfa meta rapport ta' spezzjoni jitqies li ma jeħtieġx aktar azzjoni.

*Artikolu 13*

**L-ispezzjonijiet ta' segwitu**

1. Wara li tirċievi t-tweġiba mingħand l-awtorità xierqa u kwalunkwe kjarifika ulterjuri meħtieġa, il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjoni ta' segwitu.

2. L-awtorità xierqa għandha tingħata mill-anqas notifika minn ġimagħtejn qabel dwar spezzjoni ta' segwitu li tkun ser titwettaq fit-territorju tagħha.

3. Dawn l-ispezzjonijiet ta' segwitu għandhom jikkonċentraw prinċipalment fuq l-oqsma fejn ikunu ġew identifikati n-nuqqasijiet waqt l-ispezzjoni inizjali mill-Kummissjoni.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 14*

**It-tagħrif lill-Kumitat**

Il-Kumitat għandu jiġi mgħarraf regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-programm tal-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni, kif ukoll dwar ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 15*

**In-notifika lill-awtoritajiet xierqa dwar nuqqasijiet serji**

1. Awtorità xierqa għandha tiġi mgħarrfa minnufih jekk spezzjoni f'ajruport fit-territorju tagħha tikxef nuqqas serju meqjus li għandu impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fil-Komunità. Dan it-tagħrif għandu jiġi kkomunikat fil-pront lill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri l-oħra kollha.

2. L-awtoritajiet xierqa għandhom ukoll jiġu mgħarrfa minnufih meta l-Kummissjoni jkollha tagħrif kredibbli dwar l-azzjoni ta' rettifika, fosthom dwar il-miżuri ta' kumpens, li jikkonferma li n-nuqqasijiet innotifikati skont dan l-Artikolu ma għadx għandhom impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà tal-avjazzjoni fil-Komunità.

*Artikolu 16*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika sa mid-data speċifikata fir-regoli tal-implimentazzjoni adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, iżda mhux aktar tard mid-29 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 73/2010

## tas-26 ta' Jannar 2010

## li jistipula r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika għall-Ajru Uniku Ewropew

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it- Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika ta' kwalità xierqa huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà u biex jingħata appoġġ lil kunċetti ta' operat ġodda fix-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (minn hawn 'il quddiem imsejħa "EATMN").

(2) L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ICAO") speċifikat rekwiżiti ta' kwalità għad-dejta ajrunawtika u għall-informazzjoni ajrunawtika rigward l-eżattezza, ir-riżoluzzjoni u l-integrità li għandhom jintlaħqu u jinżammu mill-EATMN waqt l-ipproċessar ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika.

(3) Dawk ir-rekwiżiti tal-ICAO huma meqjusa bħala li jipprovdu bażi suffiċjenti għar-rekwiżiti attwali ta' kwalità tad-dejta iżda jeżistu nuqqasijiet magħrufa li għandhom jiġu indirizzati, b'mod partikolari biex jiġu appoġġjati applikazzjonijiet fil-ġejjieni.

(4) L-Anness 15 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni ta' Chicago") għandu jipprovdi l-bażi ewlenija għar-rekwiżiti ta' kwalità tad-dejta. Referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-Anness 15 tal- l-Konvenzjoni ta' Chicago m'għandhomx jimplikaw referenza għall-Anness 4 tal- l-Konvenzjoni ta' Chicago jew għal Annessi oħra tal- l-Konvenzjoni ta' Chicago b'mod awtomatiku.

(5) Analiżi tas-sitwazzjoni attwali wriet li r-rekwiżiti ta' kwalità relatati mad-dejta ajrunawtika u mal-informazzjoni ajrunawtika, b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' eżattezza u integrità, mhux dejjem qed jintlaħqu fl-EATMN.

(6) Fil-katina tad-dejta ajrunawtika, għadu jsir ammont sinifikanti ta' attività manwali bbażata fuq il-karti, u dan iwassal għal opportunitajiet sinifikanti għall-ħolqien ta' żbalji u d-degradazzjoni tal-kwalità tad-dejta. Għaldaqstant għandhom jiġu adottati miżuri biex tittejjeb is-sitwazzjoni.

(7) Il-Eurocontrol ġiet inkarigata skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 biex tiżviluppa rekwiżiti li jissupplimentaw u jsaħħu l-Anness 15 tal- l-Konvenzjoni ta' Chicago bl-iskop li tinkiseb informazzjoni ajrunawtika ta' kwalità sodisfaċenti. Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq ir-rapport tal-mandat tas-16 ta' Ottubru 2007 li rriżulta.

(8) B'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, informazzjoni ajrunawtika għandha tiġi pprovduta progressivament f'forma elettronika, skont format ta' dejta komuni standardizzat u li jkun sar qbil ġenerali dwaru. Dawk ir-rekwiżiti eventwalment għandhom ikunu applikabbli għad-dejta ajrunawtika u għall-informazzjoni ajrunawtika kollha fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

(9) Dan ir-Regolament m'għandux ikopri operazzjonijiet u taħriġ militari skont kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

(10) Organizzazzjonijiet militari li jipprovdu informazzjoni ajrunawtika għal użu f'operazzjonijiet ġenerali tat-traffiku tal-ajru huma parti essenzjali tal-proċess tad-dejta ajrunawtika u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwalità ta' dejta bħal din tkun suffiċjenti biex taqdi l-użu maħsub tagħha.

(11) Il-għoti f'waqtu u l-pubblikazzjoni ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika ġdida jew emendata skont l-emendi u r-rekwiżiti għaċ-ċikli ta' aġġornament tal-ICAO u tal-Istati Membri huwa meqjus bħala essenzjali biex jgħin il-ksib tal-kwalità tad-dejta.

(12) L-Istati Membri għandhom jeżerċitaw ġestjoni u kontroll effettiv tal-informazzjoni ajrunawtika u tal-attivitajiet relatati mal-ħolqien ta' informazzjoni ajrunawtika biex jiżguraw li d-dejta tiġi pprovduta fi kwalità tajba biżżejjed biex taqdi l-użu maħsub tagħha.

---
[1] ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
[2] ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

(13) Jeħtieġ li l-kostitwenti u l-proċeduri użati mill-oriġinaturi tad-dejta jkunu interoperabbli mas-sistemi, il-kostitwenti u l-proċeduri użati mill-fornituri tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika sabiex jiġi żgurat operat sigur, kontinwu u effiċjenti tal-EATMN.

(14) Bil-għan li jinżammu jew jiġu msaħħa l-livelli eżistenti ta' sigurtà tal-operazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jiżguraw li l-partijiet konċernati jwettqu evalwazzjoni tas-sigurtà li tinkludi identifikazzjoni tal-periklu, evalwazzjoni tar-riskju u proċessi ta' mitigazzjoni. Implimentazzjoni armonizzata ta' dawn il-proċessi mas-sistemi koperti minn dan ir-Regolament teħtieġ l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi ta' sigurtà għar-rekwiżiti kollha relatati mal-prestazzjoni u l-interoperabilità.

(15) Skont l-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, regoli ta' implimentazzjoni għall-interoperabilità għandhom jiddeskrivu l-proċeduri speċifiċi ta' valutazzjoni tal-konformità li għandhom jintużaw biex jiġu valutati l-konformità jew l-adegwatezza għall-użu ta' kostitwenti u l-verifika ta' sistemi.

(16) Dan ir-Regolament jolqot firxa wiesgħa ta' partijiet. Għalhekk għandu jikkunsidra l-kapaċitajiet individwali u l-livelli tal-involviment tal-partijiet fil-katina tad-dejta, biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet jiġu applikati progressivament biex tinkiseb il-kwalità tad-dejta meħtieġa.

(17) L-miżuri mfassla f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika f'termini ta' eżattezza, riżoluzzjoni u integrità.

*Artikolu 2*

### Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal sistemi tal-European air traffic management network ("EATMN"), għall-kostitwenti u għall-proċeduri relatati magħhom involuti fil-ħolqien, il-produzzjoni, il-ħażna, l-immaniġġjar, l-ipproċessar, it-trasferiment u d-distribuzzjoni ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika.

Għandu japplika għad-dejta ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika:

(a) il-pakkett integrat ta' informazzjoni ajrunawtika stabbilit fl-Artikolu 3(7) magħmul disponibbli mill-Istati Membri, bl-eċċezzjoni ta' ċirkolarijiet ta' informazzjoni ajrunawtika;

(b) dejta elettronika dwar l-ostakli, jew elementi relatati magħha, fejn magħmula disponibbli mill-Istati Membri;

(c) dejta elettronika dwar it-terren, jew elementi relatati magħha, fejn magħmula disponibbli mill-Istati Membri;

(d) dejta għall-immappjar tal-ajrudromi, fejn maħruġa mill-Istati Membri.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-partijiet li ġejjin:

(a) fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru;

(b) operaturi ta' ajrudromi u *heliports*, li għalihom ġew ippubblikati proċeduri ta' regoli ta' titjir bl-istrumenti ("IFR") jew proċeduri ta' regoli ta' titjir Speċjali-viżwali ("VFR") f'pubblikazzjonijiet nazzjonali ta' informazzjoni ajrunawtika;

(c) entitajiet pubbliċi jew privati li jipprovdu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(i) servizzi għall-ħolqien u l-forniment ta' dejta ta' stħarriġ;

(ii) servizzi ta' disinn ta' proċeduri;

(iii) dejta elettronika dwar it-terren;

(iv) dejta elettronika dwar l-ostakli.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika sal-mument fejn id-dejta ajrunawtika u/jew l-informazzjoni ajrunawtika ssir disponibbli mill-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni lill-utent maħsub li jmiss.

Fil-każ ta' distribuzzjoni permezz ta' mezzi fiżiċi, dan ir-Regolament għandu japplika sal-mument meta id-dejta ajrunawtika u/jew l-informazzjoni ajrunawtika tkun ingħatat lill-organizzazzjoni responsabbli għall-forniment tas-servizz fiżiku ta' distribuzzjoni;

Fil-każ ta' distribuzzjoni awtomatika permezz tal-użu ta' konnessjoni elettronika diretta bejn il-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika u l-entità li tkun qed tirċievi d-dejta ajrunawtika u/jew l-informazzjoni ajrunawtika, għandu japplika dan ir-Regolament:

(a) sal-mument meta l-utent maħsub li jmiss jaċċessa u jieħu dejta ajrunawtika u/jew informazzjoni ajrunawtika maħżuna mill-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika; jew

(b) sal-mument meta tiġi trasferita d-dejta ajrunawtika u/jew l-informazzjoni ajrunawtika, mill-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika, fis-sistema tal-utent maħsub li jmiss.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004. Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "dejta ajrunawtika" tfisser rappreżentazzjoni ta' fatti, kunċetti jew struzzjonijiet ajrunawtiċi f'għamla formalizzata adattata għall-komunikazzjoni, l-interpretazzjoni jew l-ipproċessar;

(2) "informazzjoni ajrunawtika" tfisser informazzjoni li tirriżulta mill-assemblaġġ, l-analiżi u l-ifformattjar tad-dejta ajrunawtika;

(3) "kwalità tad-dejta" tfisser grad jew livell ta' kunfidenza li l-informazzjoni pprovduta tissodisfa r-rekwiżiti tal-utent tal-informazzjoni f'dak li jirrigwarda eżattezza, riżoluzzjoni u integrità;

(4) "eżattezza" tfisser grad ta' konformità bejn il-valur li ġie stmat jew imkejjel u l-valur proprju;

(5) "riżoluzzjoni" tfisser numru ta' unitajiet jew numri li għalihom jintuża jew jiġi espress valur imkejjel jew ikkalkulat;

(6) "integrità" tfisser grad ta' assigurazzjoni dwar il-fatt li oġġett ta' dejta u l-valur tiegħu ma jkunx intilef jew ma jkunx ġie mibdul minn meta tkun inkisbet id-dejta jew minn meta tkun saret l-emenda awtorizzata;

(7) "pakkett ta" informazzjoni ajrunawtika integrat' (minn hawn 'il quddiem imsejħa "IAIP") tfisser pakkett li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni ajrunawtika (minn hawn 'il quddiem imsejħa "AIP"), inkluż is-servizz ta' emendar;

(b) Supplimenti għall-AIP;

(c) NOTAM kif definit fil-punt (17) u bullettini ta' informazzjoni ta' qabel it-titjir;

(d) ċirkolarijiet ta' informazzjoni ajrunawtika (minn hawn 'il quddiem imsejħa "AIC"); u

(e) listi ta' verifika u listi ta' NOTAMS validi;

(8) "dejta dwar l-ostakli" tfisser dejta dwar l-oġġetti fissi u mobbli kollha (kemm jekk temporanji jew permanenti), jew partijiet minnhom, li jinsabu f'żona maħsuba għall-moviment ta' ajruplani fuq l-art jew li jestendu lil hinn minn superfiċje definita maħsuba biex tipproteġi l-ajruplani waqt li qed itiru;

(9) "dejta dwar it-terren" tfisser dejta dwar is-superfiċje tad-dinja li turi karatteristiċi naturali bħal muntanji, għoljiet, promontorji, widien, ilmijiet, silġ permanenti u borra, u li ma tinkludix ostakli;

(10) "dejta għall-immappjar tal-ajrudromi" tfisser informazzjoni li tirrappreżenta karatteristiċi standardizzati ta' ajrudromi f'żona definita, u li tinkludi dejta ġeospazjali u metadejta;

(11) "dejta ta" stħarriġ' tfisser dejta ġeospazjali maħduma permezz ta' kejl jew stħarriġ;

(12) "disinn ta" proċeduri' tfisser il-kombinazzjoni ta' informazzjoni ajrunawtika ma' struzzjonijiet speċifiċi għat-titjir biex jiġu definiti proċeduri għall-wasla u/jew it-tluq li jiżguraw standards adegwati ta' sigurtà tat-titjir;

(13) "fornitur ta" servizz ta' informazzjoni ajrunawtika' tfisser l-organizzazzjoni responsabbli għall-forniment ta' servizz ta' informazzjoni ajrunawtika, ċertifikat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 ([1]);

(14) "Utent maħsub li jmiss" tfisser l-entità li tirċievi l-informazzjoni ajrunawtika mill-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika;

(15) "konnessjoni elettronika diretta" tfisser konnessjoni diġitali bejn sistemi informatiċi li permezz tagħha d-dejta tista' tiġi trasferita bejniethom mingħajr interazzjoni manwali;

(16) "oġġett ta" dejta' tfisser attribut wieħed ta' sett ta' dejta komplet, li jingħata valur li jiddefinixxi l-istat attwali tiegħu;

(17) "NOTAM" tfisser avviż imqassam permezz tat-telekomunikazzjoni li jkun fih informazzjoni dwar l-istabbiliment, il-kondizzjoni ta' jew tibdil fi kwalunkwe faċilità, servizz, proċedura jew periklu ajrunawtiku, li l-għarfien dwaru fiż-żmien opportun huwa essenzjali għall-persunal relatat mal-operazzjonijiet ta' titjir;

(18) "NOTAM diġitali" tfisser sett tad-dejta li fih l-informazzjoni inkluża f'NOTAM f'format strutturat li jista' jiġi interpretat b'mod sħiħ permezz ta' sistema informatika awtomatika mingħajr l-interpretazzjoni tal-bniedem;

(19) "oriġinatur tad-dejta" tfisser entità responsabbli għall-ħolqien tad-dejta;

(20) "ħolqien ta" dejta' tfisser il-ħolqien ta' oġġett ta' dejta ġdid flimkien mal-valur assoċjat miegħu, il-modifikazzjoni tal-valur ta' oġġett ta' dejta eżistenti jew it-tħassir ta' oġġett tad-dejta eżistenti;

(21) "perjodu ta" validità' tfisser il-perjodu bejn id-data u l-ħin li fihom l-informazzjoni ajrunawtika hija ppubblikata u d-data u l-ħin li fihom l-informazzjoni ma tibqax effettiva;

(22) "validazzjoni tad-dejta" tfisser il-proċess li permezz tiegħu jiġi żgurat li d-dejta tissodisfa r-rekwiżiti għall-applikazzjoni speċifikata jew għall-użu maħsub tagħha;

([1]) ĠU L 335, 21.12.2005, p. 13.

(23) “verifika tad-dejta” tfisser l-evalwazzjoni tal-produzzjoni ta’ proċess ta’ dejta ajrunawtika biex jiġu żgurati l-korrettezza u l-konsistenza fir-rigward tal-*inputs* u l-istandards, ir-regoli u l-konvenzjonijiet applikabbli tad-dejta użati fl-istess proċess;

(24) “dejta kritika” tfisser dejta b’livell ta’ integrità kif definita f’Kapitolu 3, Taqsima 3.2 punt 3.2.8(a) tal-Anness 15 tal-l-Konvenzjoni ta’ Chicago msemmija fl-Anness III punt (1);

(25) “dejta essenzjali” tfisser dejta b’livell ta’ integrità skont kif stabbilit f’ Kapitolu 3, Taqsima 3.2 punt 3.2.8 (b) tal-Anness 15 tal- l-Konvenzjoni ta’ Chicago msemmija fl-Anness III punt (1).

KAPITOLU II

**REKWIŻITI TA’ INTEROPERABILITÀ U PRESTAZZJONI**

*Artikolu 4*

## Sett ta’ dejta

Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jipprovdu dejta ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika b’mod konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sett tad-dejta imniżżla fl-Anness I.

*Artikolu 5*

## Skambju ta’ dejta

1. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li d-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) jiġu trasferiti bejniethom permezz ta’ konnessjoni elettronika diretta.

2. Fornituri ta’ servizzi ta’ navigazzjoni bl-ajru għandhom jiżguraw li d-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika kollha msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) jiġu trasferiti bejniethom skont ir-rekwiżiti tal-format tal-iskambju tad-dejta fl-Anness II.

3. Stati Membri jistgħu jeskludu n-NOTAM diġitali mill-format tal-iskambju tad-dejta msemmi fil-paragrafu 2.

4. Fornituri tas-servizzi ta’ informazzjoni ajrunawtika għandhom jiżguraw li d-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika kollha fl-AIPs, l-emendi tal-AIP u s-supplimenti tal-AIP fornuti minn Stat Membru jkunu disponibbli għall-utent maħsub li jmiss, bħala minimu:

(a) b’konformità mar-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni identifikati fl-istandards tal-ICAO imsemmija fil-punti 4 u 8 tal-Anness III;

(b) b’mod li jippermetti li l-kontenut u l-format tad-dokumenti jkun jista’ jinqara direttament fuq skrin tal-kompjuter; u

(c) b’konformità mar-rekwiżiti tal-format tal-iskambju tad-dejta stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 6*

## Kwalità tad-dejta

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fornituri ta’ servizzi ta’ navigazzjoni bl-ajru josservaw ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-dejta stipulati fl-Anness IV, Parti A.

2. Meta jipprovdu informazzjoni ajrunawtika u/jew informazzjoni ajrunawtika, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom josservaw ir-rekwiżiti ta’ evidenza stipulati fl-Anness IV, Parti B.

3. Meta jagħmlu skambju ta’ dejta ajrunawtika u/jew ta’ informazzjoni ajrunawtika bejniethom, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2), għandhom jistabbilixxu arranġamenti formali skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-Anness IV, Parti C.

4. Meta jaġixxu bħala oriġinaturi tad-dejta, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2), għandhom josservaw ir-rekwiżiti dwar il-ħolqien ta’ dejta mniżżla fl-Anness IV, Parti D.

5. Fornituri ta’ servizzi ta’ informazzjoni ajrunawtika għandhom jiżguraw li dejta ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika provduta mill-oriġinaturi tad-dejta mhux imsemmija fl-Artikolu 2(2) tkun magħmula disponibbli għall-utent maħsub li jmiss fi kwalità tajba biżżejjed biex tintuża għall-użu maħsub tagħha.

6. Meta jaġixxu bħala l-entità responsabbli għat-talba uffiċjali għal attività ta’ ħolqien ta’ dejta, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li:

(a) id-dejta kollha tinħoloq, tiġi modifikata jew titħassar skont l-istruzzjonijiet tagħhom;

(b) mingħajr preġudizzju għall-Anness IV, Parti C, l-istruzzjonijiet tagħhom għall-ħolqien ta’ dejta jinkludu, bħala minimu:

(i) deskrizzjoni mhux ambigwa tad-dejta kollha li għandha tinħoloq, tiġi modifikata jew imħassra;

(ii) konferma tal-entità li għandha tingħata d-dejta;

(iii) id-data u l-ħin sa meta għandha tkun ipprovduta d-dejta;

(iv) il-format tar-rapport dwar il-ħolqien tad-dejta li għandu jintuża mill-oriġinatur tad-dejta.

7. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proċess tad-dejta stipulati fl-Anness IV, Parti E.

8. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li mekkaniżmi għar-rappurtaġġ ta’ żbalji u kummenti u dawk ta’ rettifika huma stabbiliti u mħaddma skont il-ħtiġiet stipulati fl-Anness IV, Parti F.

*Artikolu 7*

**Konsistenza, puntwalità u prestazzjoni tal-persunal**

1. Fejn dejta ajrunawtika jew informazzjoni ajrunawtika tiġi duplikata f'AIP ta' aktar minn Stat Membru, il-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika responsabbli għal dawk l-AIPs għandu jistabbilixxi mekkaniżmi li jiżguraw konsistenza bejn l-informazzjoni duplikata.

2. Fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika għandhom jiżguraw li oġġetti ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika ppubblikati fl-AIPs tal-Istati Membri tagħhom huma annotati biex jindikaw lil dawk li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-dejta stipulati f'dan ir-Regolament.

3. Fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika għandhom jiżguraw li l-aktar ċikli attwali ta' aġġornament applikabbli għall-emendi AIP u s-supplimenti AIP isiru disponibbli għall-pubbliku.

4. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li l-persunal tagħom responsabbli għal kompiti relatati mal-forniment ta' dejta ajrunawtika jew ta' informazzjoni ajrunawtika jiġi mgħarraf dwar u japplika:

(a) ir-rekwiżiti għal emendi tal-AIP, supplimenti tal-AIP u tan-NOTAM stabbiliti fl-istandards tal-ICAO imsemmija fil-punti 5, 6 u 7 tal-Anness III;

(b) iċ-ċikli ta' aġġornament applikabbli għall-ħruġ ta' Emendi u Supplimenti tal-AIP imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għall-oqsma li għalihom qed jipprovdu dejta ajrunawtika jew informazzjoni ajrunawtika.

5. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 2096/2005, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li l-persunal tagħhom responsabbli għal kompiti relatati mal-forniment ta' dejta ajrunawtika jew ta' informazzjoni ajrunawtika huwa mħarreġ b'mod adegwat, u li dan ikun kompetenti u awtorizzat għall-impjieg li għandu jiżvolġi.

*Artikolu 8*

**Rekwiżiti tal-għodod u tas-softwer**

Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li l-għodod u softwer li jintuża biex jiġu appoġġjati l-ħolqien, il-produzzjoni, il-ħażna, l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta ajrunawtika u/jew ta' informazzjoni ajrunawtika huma konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness V.

*Artikolu 9*

**Protezzjoni tad-dejta**

1. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li dejta ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika huma protetti skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI.

2. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li tinżamm it-traċċabilità dwar kull oġġett ta' dejta matul il-perjodu tal-validità tiegħu u għal mill-inqas 5 snin wara t-tmiem ta' dak il-perjodu jew sa 5 snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' validità għal kull oġġett ta' dejta ikkalkulat jew derivat minnu, liema minnhom ji[i l-aħħar.

KAPITOLU III

**REKWIŻITI GĦALL-ĠESTJONI TAL-KWALITÀ, TAS-SIGURTÀ U TAS-SIKUREZZA**

*Artikolu 10*

**Management requirements**

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 2096/2005, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jimplimentaw u jżommu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità li tkopri l-attivitajiet tagħhom relatati mal-għoti ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika, b'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-Anness VII, Parti A.

2. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità msemmija fil-paragrafu 1 ta; dan l-Artikolu tiddefinixxi proċeduri biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ġestjoni tas-sigurtà speċifikati fl-Anness VII, Parti B u l-għanijiet ta' ġestjoni tas-sigurtà li jinsabu fl-Anness VII, Parti C.

3. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li kwalunkwe bidla fis-sistemi eżistenti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) jew l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda tkun ippreċeduta minn evalwazzjoni ta' sigurtà, inklużi l-identifikazzjoni tal-periklu, l-evalwazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni, imwettqa mill-partijiet ikkonċernati.

4. Matul dik l-evalwazzjoni tas-sigurtà, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 7(3), Anness I, Anness II u punti 1 u 2 tal-Parti A, tal-Anness IV għandhom jiġu meqjusa bħala rekwiżiti tas-sigurtà u għandhom jiġu kkunsidrati, bħala minimu.

KAPITOLU IV

**EVALWAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U REKWIŻITI ADDIZZJONALI**

*Artikolu 11*

**Konformità jew adegwatezza għall-użu tal-kostitwenti**

Qabel ma jinħarġu dikjarazzjonijiet tal-KE ta' konformità jew ta' adegwatezza għall-użu kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, manifatturi jew kostitwenti tas-sistemi msemmjia fl-fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1), jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom stabbiliti fl-Unjoni, għandhom jivvalutaw il-konformità jew l-adegwatezza għall-użu ta' dawn il-kostitwenti b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness VIII.

*Artikolu 12*

**Verifika ta' sistemi**

1. Fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru li jistgħu juru jew urew li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness IX għandhom iwettqu verifika tas-sistemi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness X, Parti A.

2. Fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru li ma jistgħux juru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness IX għandhom iqabbdu korp notifikat biex iwettaq il-verifika tas-sistemi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1). Dik il-verifika għandha titwettaq b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness X, Parti B.

*Artikolu 13*

**Rekwiżiti addizzjonali**

Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) (b) u (c) għandhom:

(a) jiżguraw ikkontrollar ta' sikurezza tal-persunal responsabbli għal kompiti ta' ħolqien, produzzjoni, ħażna, immaniġġjar, proċessar, trasferiment u distribuzzjoni ta' dejta ajrunawtika jew ta' informazzjoni ajrunawtika, kif xieraq;

(b) jiżguraw li l-persunal tagħhom responsabbli għal kompiti relatati mal-forniment ta' dejta ajrunawtika jew ta' informazzjoni ajrunawtika ikun debitament mgħarraf dwar ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(c) jiżviluppaw u jżommu manwali tal-operazzjonijiet bl-istruzzjonijiet u l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu li l-persunal tagħhom responsabbli għall-iżvolġiment tal-kompiti relatati mal-forniment ta' dejta ajrunawtika jew ta' informazzjoni ajrunawtika ikun jista' japplika dan ir-Regolament;

(d) jiżguraw li l-manwali msemmija fil-punt (c) ikunu aċċessibbli u li dawn jinżammu aġġornati kif ukoll li l-aġġornament u d-distribuzzjoni tagħhom ikunu suġġetti għal ġestjoni adegwata ta' kwalità u ta' konfigurazzjoni ta' dokumentazzjoni;

(e) jiżguraw li l-metodi tax-xogħol u l-proċeduri tal-operat tagħhom ikunu konformi ma' dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 14*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. L-Istati Membri li, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ikunu għarrfu lill-ICAO b'differenza rilevanti skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago Internazzjonali, jistgħu jżommu d-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar is-suġġetti definiti fl-Anness XI sat-30 ta' Ġunju 2014.

2. Dejta ajrunawtika u informazzjoni ajurunawtika ppubblikata qabel l-1 Lulju ta' 2013 u mhux emendata għandha tiġi in regola ma' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2017.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika sa mill-1 ta' Lulju 2013.

2. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 l-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 5(4)(c) għandhom japplikaw sa mill-1 ta' Lulju 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-26 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

*ANNESS I*

**SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAS-SETTIJIET TAD-DEJTA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4**

PARTI A

**IAIP, dejta għall-immappjar tal-ajrudromi u dejta elettronika dwar l-ostakli**

1. Id-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandhom jiġu pprovduti skont speċifikazzjoni komuni tas-sett tad-dejta li għandha:

(a) tiġi dokumentata jew:

— permezz tal-użu tal-lingwa unifikata għall-immudellar (UML), speċifikata fid-dokument imsemmi fil- punt 13 tal-Anness III, fil-forma ta' dijagrammi ta' klassijiet u definizzjonijiet assoċjati għal klassijiet, attributi, assoċjazzjonijiet u listi ta' valuri, jew

— permezz tal-użu ta' katalogu ta' karatteristiċi speċifikati skont l-istandard ISO imsemmi fil-punt 25 tal-Anness III.

(b) tiddefinixxi, bħala elementi ta' dejta individwali, kull karatteristika ajrunawtika li l-informazzjoni dwarha għandha tiġi ppubblikata skont l-istandards tal-ICAO imsemmija fl-Anness III punt (10) u fid-dokument Eurocae li ssir referenza għalih fil-punt 24 tal-Anness III;

(c) tipprovdi għal kull attribut id-definizzjoni tal-valuri permissibbli tiegħu fil-forma ta' tip ta' dejta, firxa ta' valuri jew lista enumerata;

(d) tinkludi d-definizzjoni ta' mudell temporali, ibbażat fuq il-UTC, li jista' jesprimi ċ-ċiklu komplet tal-ħajja ta' karatteristika ajrunawtika:

— mid-data u l-ħin tal-ħolqien sad-data u l-ħin tal-irtirar permanenti,

— inklużi l-bidliet permanenti li joħolqu linji bażi ġodda għal dik il-karatteristika;

(e) tinkludi d-definizzjoni tar-regoli li jistgħu jillimitaw il-valuri possibbli tal-proprjetajiet tal-karatteristika jew il-varjazzjoni temporali ta' dawn il-valuri. Dan għandu jinkludi, bħala minimu:

— restrizzjonijiet li jimponu eżattezza, riżoluzzjoni u integrità għal dejta pożizzjonali (orizzontali u vertikali);

— restrizzjonijiet li jimponu l-prontezza tad-dejta.

(f) tapplika konvenzjoni tal-għoti ta' ismijiet għal karatteristiċi, attributi u assoċjazzjonijiet, li tevita l-użu ta' taqsiriet;

(g) tibbaża d-deskrizzjoni ta' elementi ġeometriċi (punt, kurva, superfiċje) fuq l-istandard ISO imsemmi fil-punt 14 tal-Anness III;

(h) tibbaża d-deskrizzjoni ta' informazzjoni ta' metadejta fuq l-istandard ISO imsemmi fil-punt 15 tal-Anness III;

(i) tinkludi l-oġġetti ta' metadejta elenkati fl-Anness I, Parti C.

2. Rigward l-istandards ISO, iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ minn organizzazzjoni akkreditata kif xieraq, għandu jitqies bħala mezz suffiċjenti ta' konformità. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jaċċertaw li d-dokumentazzjoni relatata maċ-ċertifikazzjoni tiġi żvelata lill-awtorità superviżorja nazzjonali fuq talba ta' din tal-aħħar.

PARTI B

**Settijiet ta' dejta tat-terren elettroniċi**

Id-dejta elettronika tat-terren imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1)(c) għandha:

(a) tiġi provduta diġitalment skont l-istandards tal-ICAO imsemmija fil-punti (9) u (12) tal-Anness III;

(b) tinkludi l-oġġetti ta' metadejta elenkati fl-Anness I, Parti C.

PARTI C

**Metadejta**

Il-metadejta għall-ispeċifikazzjonijiet tas-sett tad-dejta stabbiliti fil-Parti A u l-Parti B għandha tinkludi l-oġġetti li ġejjin, bħala minimu:

(a) l-oriġinatur tad-dejta;

(b) l-emendi li saru lid-dejta;

(c) il-persuni jew l-organizzazzjonijiet li kellhom interazzjoni mad-dejta u meta din seħħet;

(d) dettalji rigward kwalunkwe validazzjoni u verifika tad-dejta li tkun twettqet;

(e) id-data u l-ħin ta' meta d-dejta saret effettiva;

(f) għal dejta ġeospazjali:

— il-mudell ta' referenza tad-dinja li ntuża,

— is-sistema ta' kordinati li ntużat;

(g) għal dejta numerika:

— il-preċiżjoni statistika tat-teknika ta' kejl jew ta' kalkolu li ntużat;

— ir-riżoluzzjoni;

— il-livell ta' kunfidenza kif meħtieġ mill-istandards tal-ICAO li ssir referenza għalihom fil-punti 1 u 12 tal-Anness III u fi standards rilevanti oħra tal-ICAO.

(h) dettalji dwar funzjonijiet li ġew applikati jekk id-dejta tkun ġiet suġġetta għal konverżjoni/trasformazzjoni;

(i) dettalji tal-limitazzjonijiet fuq l-użu tad-dejta.

*ANNESS II*

**REKWIŻITI TAL-FORMAT TAL-ISKAMBJU TAD-DEJTA AJRUNAWTIKA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5**

PARTI A

**L-IAIP, dejta għall-immappjar tal-ajrudromi u dejta elettronika dwar l-ostakli**

1. Id-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika msemmija fl-Artikolu 2(1) (a), (b) u (d) għandha tkun f'format konformi ma' speċifikazzjoni komuni, li għandha:

— tuża l-ispeċifikazzjoni XML (*Extensible Markup Language*) kif definit fl-istandard ISO msemmi fl-Anness III punt (17) għall-kodifikazzjoni tad-dejta;

— tiġi espressa fil-forma ta' Skema XML; barra minn hekk, jista' jintuża *schematron* skont kif definit fl-istandard ISO msemmi fl-Anness III punt (19) biex jiġu espressi r-regoli tan-negozju;

— tippermetti l-iskambju ta' dejta kemm għal karatteristiċi individwali kif ukoll għal kollezzjonijiet ta' karatteristiċi;

— tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bażika bħala riżultat ta' bidliet permanenti;

— tkun strutturata skont il-karatteristiċi, l-attributi u l-assoċjazzjonijiet tad-definizzjoni tas-sett tad-dejta deskritta fl-Anness I, Parti A; ir-regoli tal-immappjar għandhom jiġu dokumentati;

— timplimenta b'mod strett il-listi tal-valuri enumerati u l-firxa ta' valuri definiti għal kull attribut fid-sett tad-dejta;

— tikkonforma mal-ispeċifikazzjoni tal-*geography markup language* (GML), kif definit fir-referenza msemmija fil-punt 18 tal-Anness III, għall-kodifikazzjoni ta' informazzjoni ġeografika.

2. Rigward l-istandards ISO, iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ minn organizzazzjoni akkreditata kif xieraq, għandu jitqies bħala mezz suffiċjenti ta' konformità. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jaċċettaw li d-dokumentazzjoni relatata maċ-ċertifikazzjoni tiġi żvelata lill-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali fuq talba ta' din tal-aħħar.

PARTI B

**Dejta elettronika dwar it-terren**

1. Id-dejta elettronika dwar it-terren imsemmija fil-punt (c) Artikolu 2(1) għandha tiġi provduta f'format komuni konformi mal-istandards ISO msemmija fil-punti 14 sa 18 tal-Anness III.

2. Rigward l-istandards ISO, iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ minn organizzazzjoni akkreditata kif xieraq, għandu jitqies bħala mezz suffiċjenti ta' konformità. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jaċċettaw li d-dokumentazzjoni relatata maċ-ċertifikazzjoni tiġi żvelata lill-awtorità superviżorja nazzjonali fuq talba ta' din tal-aħħar.

*ANNESS III*

## DISPOŻIZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI U FL-ANNESSI

1. Kapitolu 3, Taqsima 3.2 (Sistema ta' kwalità) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

2. Kapitolu 3, Taqsima 3.7.1 (Sistema ta' Referenza Orizzontali) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago - Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

3. Kapitolu 3, Taqsima 3.7.2 (Sistema ta' Referenza Vertikali) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

4. Kapitolu 4 (Pubblikazzjonijiet dwar l-Informazzjoni Ajrunawtika (AIP)) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

5. Kapitolu 4, Taqsima 4.3 (Speċifikazzjonijiet għal Emendi tal-AIP) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

6. Kapitolu 4, Taqsima 4.4 (Speċifikazzjonijiet għas-Supplimenti tal-AIP) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

7. Kapitolu 5 (NOTAM) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

8. Kapitolu 6, Taqsima 6.2 (Għoti ta' informazzjoni fil-forma ta' kopja stampata) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

9. Kapitolu 10, Taqsima 10.2 (Rekwiżiti numeriċi għad-dejta dwar kopertura, terren u ostakli) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

10. Appendiċi 1 (Kontenut tal-Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIP)) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

11. Appendiċi 7 (Rekwiżiti tal-kwalità tad-dejta Ajrunawtika) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

12. Appendiċi 8 (Rekwiżiti tad-dejta dwar terren u ostakli) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (it-Tnax-il Edizzjoni - Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34).

13. Verżjoni ta' Speċifikazzjoni 2.1.1 tal-*Object Management Group Unified Modelling Language* (UML).

14. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19107:2003 - Informazzjoni Ġeografika - skema Spazjali (l-Ewwel Edizzjoni - 8.5.2003).

15. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19115:2003 - Informazzjoni Ġeografika - Metadejta (l-Ewwel Edizzjoni - 8.5.2003 [*Corrigendum* Cor 1:2006 5.7.2006]).

16. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19139:2007 - Informazzjoni Ġeografika – Metadejta – implimentazzjoni tal-iskema XML (Edizzjoni 1 - 17.4.2007).

17. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19118:2005 - Informazzjoni Ġeografika - Kodifikar (l-Ewwel Edizzjoni - 17.3.2006 ISO/CD 19118 it-Tieni Edizzjoni – 9.7.2007 [Fl-istadju ta' kumitat]).

18. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19136:2007 - Informazzjoni Ġeografika - *Geography Markup Language* (GML) (l-Ewwel Edizzjoni - 23.8.2007).

19. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO/IEC 19757-3:2006 - Teknoloġija informatika - *Document Schema Definition Languages* (DSDL) - Parti 3: Validazzjoni bbażata fuq regoli - *Schematron* (L-Ewwel Edizzjoni - 24.5.2006).

20. Dok ICAO 9674-AN/946 – Sistema Ġeodetika Dinjija – Manwal tal-1984 (It-Tieni Edizzjoni - 2002).

21. Kapitolu 7, Taqsima 7.3.2 (Algoritmu tal-kontroll ċikliku ta' ridondanza (CRC)) tal-ICAO Dok ICAO 9674-AN/946 – Sistema Ġeodetika Dinjija – 1984 (WGS-84) Manwal (it-Tieni Edizzjoni - 2002).

22. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO/IEC 17799:2005 - Teknoloġija informatika - Tekniki ta' sikurezza - Kodiċi ta' prattika għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni (it-Tieni Edizzjoni - 10.6.2005).

23. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 28000:2007: - Speċifikazzjoni għal sistemi ta' ġestjoni tas-sigurtà għall-katina tal-forniment (l-Ewwel Edizzjoni - 21.9.2007 taħt reviżjoni, li għandha tiġi sostitwita bit-Tieni Edizzjoni sal-31.1.2008 [Fl-istadju ta' inkjesta]).

24. Eurocae ED-99 A, Rekwiżiti tal-Utent għall-Informazzjoni għall-Immappjar tal-Ajrudromi (Ottubru 2005).

25. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19110:2005 - Informazzjoni Ġeografika - Metodoloġija għall-ikkatalogar tal-karatteristiċi (l-Ewwel Edizzjoni).

*ANNESS IV*

## REKWIŻITI TA' KWALITÀ TAD-DEJTA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 6 U 7

### PARTI A

### Rekwiżiti ta' kwalità tad-dejta

1. Rekwiżiti ta' kwalità għal kull oġġett ta' dejta li jaqa' fl-ambitu tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1)għandhom ikunu kif definiti mill-istandards tal-ICAO imsemmija fl-Anness III punt (11) u mill-istandards tal-ICAO rilevanti l-oħra mingħajr preġudizzju għall-punt 2 ta' dan l-Anness.

2. Rekwiżiti ta' kwalità għal kull oġġett ta' dejta li jaqa' fl-ambitu tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika msemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi ta' evalwazzjoni tas-sigurtà tal-użi maħsuba tal-oġġett tad-dejta fejn:

   (a) oġġett tad-dejta ma jkunx definit mill-istandards ta' kwalità tad-dejta tal-ICAO imsemmija fil-punt 11 tal-Anness III u mill-istandards rilevanti tal-ICAO l-oħra; jew

   (b) ir-rekwiżiti ta' kwalità għal oġġett ta' dejta ma jiġux issodisfati mill-istandards ta' kwalità tad-dejta tal-ICAO imsemmija fl-Anness III punt (11) u mill-istandards rilevanti tal-ICAO l-oħra.

3. Ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-oġġetti tad-dejta msemmija fil-punt 2 għandhom jiġu żviluppati skont proċess standardizzat li jiddeskrivi l-metodoloġija għad-derivazzjoni u l-validazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti qabel il-pubblikazzjoni, b'konsiderazzjoni dovuta tal-impatt potenzjali fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ICAO.

4. Meta oġġett tad-dejta jkollu aktar minn użu maħsub wieħed, ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-dejta l-aktar stretti biss, li jirriżultaw mill-valutazzjoni tas-sikurezza msemmija fil-punt 2, għandhom jiġu applikati għaliha.

5. Rekwiżiti ta' kwalità tad-dejta għandhom jiġu definiti biex ikopri dawn li ġejjin għal kull oġġett ta' dejta fl-ambitu ta' dejta ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika msemmija fl-Artikolu 2(1):

   (a) il-preċiżjoni u r-riżoluzzjoni tad-dejta;

   (b) il-livell ta' integrità tad-dejta;

   (c) il-kapaċità li tiġi ddeterminata l-oriġini tad-dejta;

   (d) il-livell ta' assigurazzjoni li d-dejta tkun magħmula disponibbli għall-utent maħsub li jmiss qabel id-data/il-ħin effettiv tal-bidu tagħha u li ma titħassarx qabel id-data/il-ħin effettiv tat-tmiem tagħha.

6. L-oġġetti kollha tad-dejta meħtieġa biex jappoġġjaw kull sett ta' dejta ta' applikazzjoni u/jew sub-sett validu tas-sett ta' dejta għandhom jiġu definiti.

### PARTI B

### Rekwiżiti ta' evidenza

Argumenti u evidenza għandhom jinħolqu biex jintwera li:

(a) ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni u riżoluzzjoni li kkonformaw magħhom fl-oriġini tad-dejta u jinżammu sal-pubblikazzjoni għall-utent maħsub li jmiss, inkluż, kull meta r-riżoluzzjoni ta' oġġett ta' dejta jiġi mnaqqas jew mibdul, jew id-dejta tiġi tradotta f'sistema ta' koordinati jew f'unità ta' kejl differenti;

(b) l-oriġini u l-istorja tal-bidla ta' kull oġġett ta' dejta hija rreġistrata u disponibbli għall-verifika;

(c) id-dejta ajrunawtika jew l-informazzjoni ajrunawtika hija kompleta jew li oġġetti li setgħu kienu neqsin ġew iddikjarati;

(d) il-proċessi għall-ħolqien, il-produzzjoni, il-ħażna, l-immaniġġjar, l-ipproċessar, it-trasferiment jew id-distribuzzjoni tad-dejta użati għal kull oġġett tad-dejta huma definiti u adegwati għal-livell assenjat ta' integrità tal-oġġett ta' dejta;

(e) il-proċessi ta' validazzjoni u ta' verifika tad-dejta huma adegwati għal-livell assenjat ta' integrità tal-oġġett ta' dejta;

(f) il-proċessi tad-dejta manwali jew semi-awtomatizzati huma mwettqa minn persunal imħarreġ u kwalifikat, bi rwoli u responsabbiltajiet definiti b'mod ċar li jiġu rreġistrati fis-sistema ta' kwalità tal-organizzazzjoni;

(g) l-għodda kollha u/jew is-softwer użat biex jiġu appoġġjati jew implimentati l-proċessi huma validati bħala adattati għall-iskop tagħhom skont l-Anness V;

(h) qiegħed jopera proċess effettiv ta' rappurtar, kejl u azzjoni korrettiva fir-rigward ta' żbalji, skont il-Parti F.

PARTI C

**Arranġamenti Formali**

L-arranġamenti formali għandhom jinkludu dan il-kontenut minimu:

(a) l-ambitu tad-dejta ajrunawtika jew informazzjoni ajrunawtika li għandha tiġi pprovduta;

(b) ir-rekwiżiti tal-eżattezza, tar-riżoluzzjoni u tal-integrità għal kull oġġett tad-dejta fornut;

(c) il-metodi meħtieġa biex jiġi muri li d-dejta pprovduta hija konformi mal-ħtiġiet speċifikati;

(d) in-natura tal-azzjoni li għandha tittieħed fil-każ ta' sejba ta' żball fid-dejta jew inkonsistenza fi kwalunkwe dejta pprovduta;

(e) il-kriterji minimi għan-notifikazzjoni ta' tibdil fid-dejta li ġejjin:

— kriterji biex tiġi determinata l-prontezza tal-forniment tad-dejta bbażati fuq l-operat jew is-sinifikat tas-sigurtà tal-bidla;

— kull avviż minn qabel ta' bidliet mistennija;

— il-mezzi li għandhom jiġu adottati għan-notifika.

(f) il-parti responsabbli għad-dokumentazzjoni tal-bidliet fid-dejta;

(g) il-mezzi biex jiġu riżolti kwalunkwe ambigwitajiet potenzjali kkawżati fejn jintużaw formati differenti għall-iskambju ta' dejta ajrunawtika jew ta' informazzjoni ajrunawtika;

(h) kwalunkwe limitazzjoni fuq l-użu tad-dejta;

(i) rekwiżiti għall-produzzjoni ta' rapporti ta' kwalità mill-fornituri tad-dejta biex tiġi faċilitata l-verifika tal-kwalità tad-dejta mill-utenti tad-dejta;

(j) rekwiżiti tal-metadejta;

(k) rekwiżiti ta' kontinġenza rigward il-kontinwità tal-forniment ta' dejta.

PARTI D

**Ħolqien tad-dejta**

1. L-istħarriġ ta' għajnuniet ta' navigazzjoni bir-radju u l-ħolqien ta' dejta kkalkulata jew miksuba li l-koordinati tagħha huma ppubblikati fl-AIP għandhom jitwettqu skont standards xierqa u mill-inqas skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ICAO imsemmija fil- punt 20 tal-Anness III.

2. Id-dejta kollha mistħarrġa għandha tiġi referenzjata lil WGS-84 kif speċifikat fid-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fil- punt 2 tal-Anness III2.

3. Mudell *geoid*, suffiċjenti biex jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fl-Anness III punt (3) u r-rekwiżiti ta' kwalità tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika speċifikati fl-Anness IV, għandu jintuża sabiex id-dejta vertikali kollha (mistħarrġa, ikkalkulata jew derivata) tkun tista' tiġi espressa b'mod relattiv għall-livell medju tal-baħar permezz tal-Mudell Gravitazzjonali tad-Dinja 1996. "*Geoid*" tfisser il-wiċċ ekwipotenzjali fil-kamp gravitazzjonali tad-Dinja, li tikkoinċidi mal-livell mhux disturbat medju tal-baħar estiż b'mod kontinwu minn fuq il-kontinenti.

4. Dejta mistħarrġa, ikkalkulata u derivata għandha tiġi miżmuma għat-tul tal-ħajja ta' kull oġġett ta' dejta.

5. Dejta ta' stħarriġ kategorizzata bħala dejta kritika jew essenzjali għandha tiġi soġġetta għal stħarriġ inizjali sħiħ, u wara għandha tiġi mmonitorjata għal tibdiliet fuq bażi annwali, bħala minimu. Fejn jinsabu bidliet, għandu jitwettaq stħarriġ mill-ġdid tad-dejta rilevanti.

6. Għandhom jintużaw it-tekniki tal-ġbir u tal-ħażna tad-dejta elettronika tal-istħarriġ li ġejjin:

   (a) koordinati ta' punti ta' referenza għandhom jiddaħħlu fl-apparat għall-istharriġ permezz ta' trasferiment diġitali ta' dejta;

   (b) il-qisien fil-kamp għandhom jiġu maħżuna permezz ta' sistema diġitali;

   (c) dejta mhux ipproċessata għandha tiġi trasferita u mdaħħla fis-softwer għall-ipproċessar permezz ta' sistema diġitali.

7. Id-dejta ta' stħarriġ kollha kategorizzata bħala dejta kritika għandha tkun soġġetta għal kejl addizzjonali suffiċjenti biex jiġu identifikati żbalji fl-istħarriġ li ma jistgħux jiġu identifikati permezz ta' kejl wieħed.

8. Dejta ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika għandha tiġi validata u verifikata qabel ma din tintuża biex tinkiseb jew biex tiġi kkalkulata dejta oħra.

PARTI E

**Rekwiżiti tal-proċess tad-Dejta**

1. Fejn proċessi jew partijiet ta' proċessi li jintużaw fil-ħolqien, il-produzzjoni, il-ħażna, l-immaniġġjar, l-ipproċessar, it-trasferiment u d-distribuzzjoni ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika huma suġġetti għall-awtomazzjoni, dawn għandhom ikunu:

   (a) awtomatizzati sa livell proporzjonat mal-kuntest tal-proċess tad-dejta;

   (b) awtomatizzati biex jottimizzaw l-allokazzjoni u l-interazzjoni tal-bniedem u l-magni bil-għan li jintlaħaq livell għoli ta' benefiċċji ta' sigurtà u ta' kwalità fil-proċess;

   (c) maħsuba biex jevitaw l-introduzzjoni ta' żbalji fid-dejta;

   (d) maħsuba biex jindividwaw żbalji fid-dejta riċevuta/imdaħħla.

2. Fejn id-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika tiddaħħal manwalment, din għandha tkun suġġetta għal verifika indipendenti biex jiġu identifikati żbalji li setgħu ġew introdotti.

PARTI F

**Rekwiżiti għar-rappurtaġġ u r-rettifika ta' żbalji**

Il-mekkaniżmi ta' rappurtaġġ, kejl u azzjoni korrettiva għall-iżbalji għandhom jiżguraw li:

(a) problemi identifikati matul il-ħolqien, il-produzzjoni, il-ħażna, l-immaniġġjar, l-ipproċessar, it-trasferiment u d-distribuzzjoni ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika, jew dawk identifikati minn utenti wara li jiġu ppubblikati, jiġu rreġistrati u rrapportati lill-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika;

(b) il-problemi kollha rrappurtati dwar id-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika jiġu analizzati mill-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika u li jiġu ddeterminati l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa;

(c) l-iżbalji, l-inkonsistenzi u l-anomaliji kollha misjuba f'dejta ajrunawtika u f'informazzjoni ajrunawtika kritika u essenzjali jiġu solvuti b'mod urġenti;

(d) l-utenti tad-dejta effettwati jiġu avżati dwar l-iżbalji mill-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni ajrunawtika permezz tal-aktar mezz effettiv, b'konsiderazzjoni tal-livell ta' integrità tad-dejta ajrunawtika u tal-informazzjoni ajrunawtika u permezz tal-kriterji ta' notifika miftiehma fl-arranġamenti formali skont l-Anness IV, Parti C punt (d);

(e) jiġu faċilitati u mħeġġa fehmiet mill-utenti tad-dejta u minn fornituri oħra ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika;

(f) ir-rati ta' żbalji għal dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika jiġu rreġistrati kull darba li d-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika tiġi trasferita bejn il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2);

(g) ir-rati ta' żbalji għal dawk l-iżbalji misjuba qabel it-trasferiment u dawk rappurtati wara t-trasferiment jistgħu jiġu identifikati separatament.

*ANNESS V*

**REKWIŻITI TAL-GĦODOD U TAS-SOFTWER IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8**

1. Għodod użati għall-appoġġ jew għall-awtomatizzazzjoni tal-proċessi tad-dejta ajrunawtika u tal-proċessi ta' informazzjoni ajrunawtika għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punti 2 u 3, fejn l-għodda:

— għandha l-potenzjal li toħloq żbalji f'oġġetti tad-dejta kritiċi jew essenzjali;

— hija l-uniku mezz ta' sejbien ta' żbalji f'oġġetti tad-dejta kritiċi jew essenzjali;

— hija l-uniku mezz ta' sejbien ta' diskrepanzi bejn verżjonijiet multipli ta' dejta mdaħħla manwalment.

2. Għall-għodda msemmija fil-punt 1, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni, tal-funzjonalità u tal-livell ta' integrità għandhom jiġu definiti sabiex jiġi żgurat li l-għodda twettaq il-funzjoni tagħha fil-proċess tad-dejta mingħajr ma taffettwa ħażin il-kwalità tad-dejta ajrunawtika jew tal-informazzjoni ajrunawtika.

3. L-għodda msemmija fil-punt 1 għandha tiġu validata u vverifikata mar-rekwiżiti msemmija fil-punt 2.

4. L-għodda msemmija fil-punt 1, li huma implimentati bis-sħiħ jew parzjalment f'softwer, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

— ir-rekwiżiti tas-softwer għandhom jiddikjaraw b'mod korrett dak li hu meħtieġ mis-softwer sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-għodda;

— ir-rekwiżiti kollha tas-softwer għandhom ikunu traċċabbli għar-rekwiżiti tal-għodda msemmija fil-punt 2;

— il-validazzjoni u l-verifika tas-softwer, kif definiti fil-punti 5 u 6 rispettivament, għandhom jiġu applikati għal verżjoni eżekutibbli magħrufa tas-softwer fl-ambjent operattiv maħsub tagħha.

5. Il-validazzjoni ta' softwer tfisser il-proċess li permezz tiegħu jiġi żgurat li s-softwer jissodisfa r-rekwiżiti għall-applikazzjoni speċifikata jew l-użu maħsub tad-dejta ajrunawtika jew tal-informazzjoni ajrunawtika.

6. Il-verifika ta' softwer tfisser l-evalwazzjoni tal-ħruġ ta' proċess ta' żvilupp ta' softwer għal dejta ajrunawtika u/jew informazzjoni ajrunawtika biex jiġu żgurati l-korrettezza u l-konsistenza fir-rigward tal-inputs u tal-istandards, ir-regoli u l-konvenzjonijiet tas-softwer applikabbli użati f'dak il-proċess.

*ANNESS VI*

## REKWIŻITI TA’ PROTEZZJONI TAD-DEJTA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 9

1. Id-dejta kollha trasferita f’format elettroniku għandha tkun protetta kontra telf jew alterazzjoni ta’ dejta permezz tal-applikazzjoni tal-algoritmu CRC32Q kif imsemmi fil-punt 21 tal-Anness III). Il-valur tal-kontroll ċikliku ta’ ridondanza (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ CRC) għandu jiġi applikat qabel il-verifika finali tad-dejta u qabel ma ssir il-ħażna jew it-trasferiment.

2. Fejn id-daqs fiżiku ta’ dejta jaqbeż dak li jista’ jiġi protett fil-livell ta’ integrità meħtieġ minn CRC wieħed, għandhom jintużaw valuri CRC multipli.

3. Dejta ajrunawtika u informazzjoni ajrunawtika għandha tingħata livell xieraq ta’ protezzjoni ta’ sigurtà matul il-ħażna u meta tiġi skambjata bejn il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2), sabiex jiġi żgurat li d-dejta ma tistax tinbidel aċċidentalment jew tiġi soġġetta għal aċċess mhux awtorizzat u/jew tibdil fi kwalunkwe stadju.

4. Il-ħażna u t-trasferiment ta’ dejta ajrunawtika u ta’ informazzjoni ajrunawtika għandha tkun protetta permezz ta’ proċess ta’ awtentikazzjoni xieraq b’tali mod li r-riċevituri jkunu jistgħu jikkonfermaw li d-dejta jew l-informazzjoni tkun ġiet trażmessa minn sors awtorizzat.

*ANNESS VII*

## REKWIŻITI GĦALL-ĠESTJONI TAL-KWALITÀ, TAS-SIGURTÀ U TAS-SIKUREZZA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10

PARTI A

### Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità

1. Sistema ta' ġestjoni tal-kwalità li tappoġġja l-ħolqien, il-produzzjoni, il-ħażna, il-ġestjoni, l-ipproċessar, it-trasferiment u d-distribuzzjoni ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika għandha:

— tiddefinixxi l-politika ta' kwalità b'tali mod li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' utenti differenti mill-qrib kemm jista' jkun;

— twaqqaf programm ta' assigurazzjoni ta' kwalità li jinkludi proċeduri mfassla biex jiġi verifikat li l-operazzjonijiet kollha jkunu qed isiru skont ir-rekwiżiti, l-istandards u l-proċeduri applikabbli inklużi r-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament;

— tipprovdi evidenza tal-funzjonament tas-sistema ta' kwalità permezz ta' manwali u dokumenti ta' monitoraġġ;

— taħtar rappreżentanti ta' ġestjoni biex jimmonitorjaw konformità mal-, u l-adegwatezza tal-proċeduri li jiżguraw prattiċi operattivi siguri u effiċjenti;

— twettaq reviżjonijiet tas-sistema ta' kwalità li tkun qed tintuża u tieħu azzjonijiet rimedjali, kif xieraq.

2. Ċertifikat EN ISO 9001, maħruġ minn organizzazzjoni akkreditata kif xieraq, għandu jitqies bħala mezz suffiċjenti ta' konformità mar-rekwiżiti tal-punt 1. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jaċċettaw l-iżvelar tad-dokumentazzjoni relatata maċ-ċertifikazzjoni lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza fuq talba ta' din tal-aħħar.

PARTI B

### Għanijiet tal-Ġestjoni tas-Sigurtà

1. L-għanijiet tal-ġestjoni tas-sigurtà għandhom ikunu:

— li titnaqqas il-kontribuzzjoni għar-riskju ta' inċident tal-ajru li jista' jirriżulta minn żbalji fid-dejta safejn hu raġjonevolment prattikabbli;

— li jiġi promoss l-għarfien dwar is-sigurtà madwar l-organizzazzjoni permezz tal-qsim ta' lezzjonijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet tas-sigurtà u billi l-personal kollu jiġi involut biex jipproponi soluzzjonijiet għal kwistjonijiet ta' sigurtà identifikati u suġġerimenti għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-proċessi;

— li jiġi żgurat li tiġi identifikata funzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għanijiet tal-ġestjoni tas-sigurtà;

— li jiġi żgurat li jinżammu reġistri u li jitwettaq monitoraġġ biex tingħata assigurazzjoni ta' sigurtà tal-attivitajiet tagħhom;

— li jiġi żgurat li jsiru rakkomandazzjonijiet ta' titjib, fejn meħtieġ, biex tingħata assigurazzjoni tas-sigurtà tal-attivitajiet.

2. Il-kisba tal-għanijiet tal-ġestjoni tas-sigurtà għandhom jingħataw l-ogħla prijorità fuq pressjonijiet kummerċjali, operattivi, ambjentali jew soċjali.

PARTI C

### Għanijiet tal-Ġestjoni tas-Sigurtà

1. L-għanijiet tal-ġestjoni tas-sigurtà għandhom ikunu:

— li tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta ajrunawtika u tal-informazzjoni ajrunawtika riċevuta, prodotta jew użata b'mod li tkun protetta minn interferenzi u li l-aċċess għaliha jkun ristrett biss għal persuni awtorizzati;

— li jiġi zgurat li l-miżuri tal-ġestjoni tas-sigurtà ta' organizzazzjoni jissodisfaw rekwiżiti nazzjonali jew internazzjonali xierqa għall-infrastruttura kritika u l-kontinwità tan-negozju, kif ukoll standards internazzjonali għall-ġestjoni tas-sigurtà, inklużi l-istandards ISO imsemmija fil-punti 22 u 23.

2. Rigward l-istandards ISO, iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ minn organizzazzjoni akkreditata kif xieraq, għandu jitqies bħala mezz suffiċjenti ta' konformità. Il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jaċċettaw li d-dokumentazzjoni relatata maċ-ċertifikazzjoni tiġi żvelata lill-awtorità tas-superviżjoni sorveljanza nazzjonali fuq talba ta' din tal-aħħar.

*ANNESS VIII*

**Rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-konformità jew l-adegwatezza għall-użu ta' kostitwenti msemmija fl-Artikolu 11**

1. L-attivitajiet ta' verifika għandhom juru l-konformità tal-kostitwenti mar-rekwiżiti ta' interoperabilità, ta' prestazzjoni u ta' sigurtà ta' dan ir-Regolament, jew l-adegwatezza tagħhom għall-użu waqt li dawn il-kostitwenti jkunu qed joperaw fl-ambjent tal-ittestjar.

2. Il-manifattur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fl-Unjoni, għandu jamministra l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità u għandu b'mod partikolari:

— jistabbilixxi l-ambjent xieraq għall-ittestjar;

— jivverifika li l-pjan ta' ttestjar jiddeskrivi l-kostitwenti fl-ambjent tal-ittestjar;

— jivverifika li l-pjan tal-ittestjar jipprovdi kopertura sħiħa tar-rekwiżiti applikabbli;

— jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tad-dokumentazzjoni teknika u tal-pjan tal-ittestjar;

— jippjana l-organizzazzjoni, il-persunal, l-istallazzjoni u l-konfigurazzjoni tat-test flimkien mal-pjattaforma għall-ittestjar;

— jwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kif speċifikat fil-pjan tal-ittestjar;

— jikteb ir-rapport li juri r-riżultati ta' spezzjonijiet u testijiet.

3. Il-manifattur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fl-Unjoni, għandu jiżgura li l-kostitwenti involuti fil-ħolqien, il-produzzjoni, il-ħażna, l-immaniġġjar, l-ipproċessar, it-trasferiment u d-distribuzzjoni ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika integrata fl-ambjent tal-ittestjar jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-interoperabilità, tal-prestazzjoni, tal-kwalità u tas-sigurtà ta' dan ir-Regolament.

4. Meta tiġi ssodisfata t-tlestija tal-verifika tal-konformità jew tal-adegwatezza għall-użu, il-manifattur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fl-Unjoni, għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, ifassal id-dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità jew ta' adegwatezza għall-użu, li tispeċifika b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament li ġew issodisfati mill-kostitwent u l-kundizzjonijiet tal-użu assoċjati magħha skont il-punt 3 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 552/2004.

*ANNESS IX*

**KUNDIZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 12**

1. Il-fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jkollu metodi ta' rappurtaġġ fl-organizzazzjoni li jiżguraw u juru imparzjalità u indipendenza ta' ġudizzju fir-rigward tal-attivitajiet ta' verifika.

2. Il-fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li l-persunal involut fil-proċessi ta' verifika iwettaq il-verifiki bl-akbar integrità professjonali possibbli u bl-akbar kompetenza teknika possibbli, u li dan ikun ħieles minn kull pressjoni u inċentiv, b'mod partikolari ta' tip finanzjarju, li jista' jaffettwa l-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom, b'mod partikolari minn persuni jew gruppi ta' persuni effettwati mir-riżultati tal-kontrolli.

3. Il-fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li l-persunal involut fil-proċessi ta' verifika, ikollu aċċess għat-tagħmir li jippermettilu li jwettaq il-kontrolli meħtieġa kif suppost.

4. Il-fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li l-persunal involut fil-proċessi ta' verifika, jkollu taħriġ tekniku u vokazzjonali tajjeb, għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-verifiki li għandhom iwettqu, esperjenza adegwata ta' dawn l-operazzjonijiet, u l-kapaċità meħtieġa biex jitħejjew id-dikjarazzjonijiet, ir-rekords u r-rapporti li juru li l-verifiki jkunu twettqu.

5. Il-fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li l-persunal involut fil-proċessi ta' verifika, huwa kapaċi jwettaq il-kontrolli tiegħu b'imparzjalità. Ir-rimunerazzjoni tagħhom m'għandhiex tiddependi fuq in-numru ta' kontrolli mwettqa, jew fuq ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli.

*ANNESS X*

PARTI A

**Rekwiżiti għall-verifika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 12(1)**

1. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandha turi l-konformità ta' dawn is-sistemi mar-rekwiżiti tal-interoperabilità, il-prestazzjoni u s-sikurezza ta' dan ir-Regolament f'ambjent ta' evalwazzjoni li jirrifletti l-kuntest operattiv ta' dawn is-sistemi.

2. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandha titmexxa skont prattiki ta' ttestjar xierqa u rikonoxxuti.

3. L-għodod ta' ttestjar użati għall-verifika tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandu jkollhom funzjonalitajiet xierqa.

4. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandha tipproduċi l-elementi tal-fajl tekniku meħtieġ mill-punt 3 tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 inkluż l-elementi li ġejjin:

— deskrizzjoni tal-implimentazzjoni;

— ir-rapport ta' spezzjonijiet u testijiet miksuba qabel ma s-sistema ddaħħlet fis-servizz.

5. Il-fornitur tas-servizzi ta' navigazzjoni ajrunawtika għandu jiġġestixxi l-attivitajiet ta' verifika u għandu b'mod partikolari:

— jistabbilixxi l-ambjent operattiv u tekniku simulat xieraq li jirrifletti l-ambjent operattiv;

— jivverifika li l-pjan tal-ittestjar jiddeskrivi l-integrazzjoni ta' sistemi identifikati fl-Artikolu 2(1) f'ambjent operattiv u tekniku ta' evalwazzjoni;

— jivverifika li l-pjan tal-ittestjar jipprovdi kopertura sħiħa tar-rekwiżiti ta' interoperabilità, ta' prestazzjoni u ta' sigurtà applikabbli ta' dan ir-Regolament;

— jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tad-dokumentazzjoni teknika u tal-pjan tal-ittestjar;

— jippjana l-organizzazzjoni, il-persunal, l-istallazzjoni u l-konfigurazzjoni tat-test flimkien mal-pjattaforma għall-ittestjar;

— jwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kif speċifikat fil-pjan tal-ittestjar;

— jikteb ir-rapport li juri r-riżultati ta' spezzjonijiet u testijiet.

6. Il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika għandu jiżgura li s-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) taħt ir-responsabbiltà tiegħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' interoperabilità, ta' prestazzjoni u ta' sigurtà ta' dan ir-Regolament.

7. Mat-tlestija kif meħtieġ tal-verifika ta' konformità, fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom ifasslu d-dikjarazzjoni tal-KE ta' verifika tas-sistema u jippreżentawha lill-awtorità superviżorja nazzjonali flimkien mal-fajl tekniku, kif stipulat bl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004.

PARTI B

**Rekwiżiti għall-verfika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 12(2)**

1. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandha turi l-konformità ta' dawn is-sistemi mar-rekwiżiti tal-interoperabilità, il-prestazzjoni u s-sikurezza ta' dan ir-Regolament f'ambjent ta' valutazzjoni li jirrifletti l-kuntest operattiv ta' dawn is-sistemi.

2. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandha ssir skont prattiki ta' ttestjar xierqa u rikonoxxuti.

3. L-għodod ta' ttestjar użati għall-verifika tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandu jkollhom funzjonalitajiet xierqa.

4. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għandha tipproduċi l-elementi tal-fajl tekniku meħtieġ mill-punt 3 tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 inklużi l-elementi li ġejjin:

— deskrizzjoni tal-implimentazzjoni;

— ir-rapport ta' spezzjonijiet u testijiet miksuba qabel ma s-sistema ddaħħlet fis-servizz.

5. Il-fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jistabbilixxi l-ambjent ta' valutazzjoni operattiv u tekniku xieraq li jirrifletti l-ambjent operattiv u għandu jqabbad korp notifikat biex iwettaq attivitajiet ta' verifika f'ismu.

6. Il-korp notifikat għandu jiġġestixxi l-attivitajiet ta' verifika u għandu b'mod partikolari:

— jivverifika li l-pjan tal-ittestjar jiddeskrivi l-integrazzjoni tas-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) f'ambjent operattiv u tekniku ta' evalwazzjoni;

— jivverifika li l-pjan tal-ittestjar jipprovdi kopertura sħiħa tar-rekwiżiti ta' interoperabilità, ta' prestazzjoni u ta' sigurtà applikabbli ta' dan ir-Regolament;

— jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tad-dokumentazzjoni teknika u tal-pjan tal-ittestjar;

— jippjana l-organizzazzjoni, il-persunal, l-istallazzjoni u l-konfigurazzjoni tat-test flimkien mal-pjattaforma għall-ittestjar;

— jwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kif speċifikat fil-pjan tal-ittestjar;

— jikteb ir-rapport li juri r-riżultati ta' spezzjonijiet u testijiet.

7. Il-korp notifikat għandu jiżgura li s-sistemi identifikati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) imħaddma f'ambjent operattiv ta' valutazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' interoperabilità, ta' prestazzjoni u ta' sigurtà ta' dan ir-Regolament.

8. Meta jitlestew kif suppost il-kompiti ta' verifika, il-korp notifikat għandu jfassal ċertifikat ta' konformità fir-rigward tal-kompiti mwettqa.

9. Il-fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru imbagħad għandu jfassal id-dikjarazzjoni tal-KE ta' verifika tas-sistema u jippreżentaha lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza flimkien mal-fajl tekniku, kif mitlub mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004.

*ANNESS XI*

**DIFFERENZI TAL-ICAO IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 14**

Kapitolu 3, Taqsima 3.2.10 (kontroll ċikliku ta' ridondanza) tal-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago – Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 74/2010**

**tas-26 ta' Jannar 2010**

**li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 341/2007, (KE) Nru 1580/2007 u (KE) Nru 376/2008 rigward il-kundizzjonijiet għal u l-forma tan-notifiki li għandhom isiru lill-Kummissjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS ([1]), ub'mod partikolari l-Artikolu 192(2) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jistipula regoli dettaljati għan-notifiki tal-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar informazzjoni u dokumenti fl-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq, l-iskema tal-pagamenti diretti, il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u s-sistemi applikabbli għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew ([2]) jistipula regoli komuni għan-notifikazzjoni ta' informazzjoni u dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni. Dawn ir-regoli jkopru partikolarment l-obbligu għall-Istati Membri li jużaw is-sistemi ta' informazzjoni magħmula disponibbli għall-Kummissjoni u l-validazzjoni tad-drittijiet tal-aċċess għall-awtoritajiet jew l-individwi awtorizzati jibagħtu l-komunikazzjonijiet. Minbarra dan, ir-Regolament jistabbilixxi prinċipji komuni li japplikaw għas-sistemi ta' informazzjoni sabiex jiggarantixxu l-awtentiċità, l-integrità u l-leġġibbiltà tul iż-żmien tad-dokumenti u jipprovdi għall-protezzjoni tad-dejta personali.

(2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009, l-obbligu li jintużaw is-sistemi ta' informazzjoni konformi ma' dak ir-Regolament għandu jiġi pprovdut fir-Regolamenti li jistabbilixxu obbligu ta' notifika speċifiku.

(3) Il-Kummissjoni żviluppat sistema informatika li tippermettilha tamministra b'mod elettroniku dokumenti u proċeduri fi ħdan il-proċeduri ta' ħidma interni tagħha u fir-relazzjonijiet tagħha mal-awtoritajiet involuti fil-politika agrikola komuni.

(4) Jitqies li xi obbligi ta' notifika jistgħu issa jitwettqu permezz ta' dik is-sistema, konformi mar-Regolament (KE) Nru 792/2009, partikolarment dawk ipprovduti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2336/2003 tat-30 ta' Diċembru 2003 li jintroduċi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 670/2003 li jistabbilixxi l-miżuri speċifiċi dwar it-tpoġġija fis-suq ta' alkoħol tal-ethyl ta' oriġini agrikola ([3]), (KE) Nru 341/2007 tad-29 ta' Marzu 2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi ([4]), (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([5]) u (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([6]).

(5) Fir-Regolamenti (KE) Nru 2336/2003 u (KE) Nru 1580/2007, jixraq li n-notifiki għandhom jinkludu d-dikjarazzjonijiet żero. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, għandu jiġi pprovdut li fin-notifiki dwar liċenzji ta' sostituzzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 għandha tingħata wkoll referenza għan-numru tas-serje tal-liċenzja sostitwita. Għal tixrid effiċjenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-informazzjoni rċevuta dwar il-liċenzji ta' sostituzzjoni, għandu jkun ukoll meħtieġ li din l-informazzjoni tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni minnufih wara ħruġ il-liċenzja. Ukoll għal raġunijiet ta' ċarezza, l-informazzjoni mitluba f'notifiki dwar każi ta' forza maġġuri għandha tkun dettaljata.

(6) Ir-Regolamenti (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 341/2007, (KE) Nru 1580/2007 u (KE) Nru 376/2008 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2336/2003 għandu jiġi emendat kif ġej:

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1

([2]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3

([3]) ĠU L 346, 31.12.2003, p. 19.

([4]) ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12.

([5]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

([6]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

1. Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3, il-punti (a) sa (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) importazzjonijiet kull tliet xhur minn pajjiżi terzi mqassma skont il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u skont l-oriġini, identifikati permezz tal-kodiċijiet fin-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistiċi esterni tal-kummerċ tal-Komunità preskritti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1779/2002 (*), soġġett għat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament;

(b) esportazzjonijiet kull tliet xhur lejn pajjiżi terzi, inklużi kwalunkwe esportazzjonijiet ta' alkoħol mhux ta' oriġini agrikola, soġġett għat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament;

(c) produzzjoni kull tliet xhur, imqassma skont il-prodott li minnu ġie prodott l-akoħol;

(d) il-volum li sar użu minnu fil-kwart preċedenti, imqassam skont is-setturi tal-użu;

(e) stokkijiet miżmuma mill-produtturi tal-alkoħol f'pajjiżhom fi tmiem kull sena;

(f) produzzjoni stmata għas-sena li tkun għaddejja, darbtejn fis-sena, qabel it-28 ta' Frar u l-31 ta' Awwissu rispettivament;

(*) ĠU L 269, 5.10.2002, p. 6."

2. L-Artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fl-ewwel paragrafu, il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) importazzjonijiet kull tliet xhur minn pajjiżi terzi;

(c) importazzjonijiet kull tliet xhur lejn pajjiżi terzi;"

(b) It-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Iċ-ċifri notifikati għandhom jiġu espressi f'ettolitri ta' alkoħol pur.'

3. L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

In-notifiki lill-Kummissjoni msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 7 ta' dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

In-notifiki kollha għandhom jinkludu d-dikjarazzjonijiet żero.

In-notifiki msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 għandhom isiru biss fuq talba tal-Kummissjoni, indirizzati lill-Istati Membri permezz tas-sistema informatika li jkun hemm implimentata.

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

4. L-Annessi II sa VIII jitħassru.

*Artikolu 2*

Fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 341/2007, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b' dan li ġej:

"In-notifiki lill-Kummissjoni taħt dan l-Artikolu għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

*Artikolu 3*

L-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huwa emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 għandu japplika għal liċenzji ta' importazzjoni maħruġa skont dan l-Artikolu."

2. Il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mhux iktar tard minn 12:00 nofsinhar (ħin ta' Brussell) kull nhar ta' Erbgħa, il-kwantitajiet ta' tuffieħ li għalihom inħarġu liċenzji ta' importazzjoni, inklużi d-dikjarazzjonijiet żero, tul il-ġimgħa ta' qabel, maqsuma skont il-pajjiż terz tal-oriġini.

In-notifiki lill-Kummissjoni taħt dan il-paragrafu għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

*Artikolu 4*

Ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 37 huwa sostitwit b' dan li ġej:

"*Artikolu 37*

Meta jinħarġu liċenzji ta' sostituzzjoni, ċertifikati jew estratti, l-Istati Membri għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummisjoni bi:

(a) in-numru tas-serje tal-liċenzji ta' sostituzzjoni, ċertifikati jew estratti maħruġa u n-numru tas-serje tal-liċenzji sostitwiti, ċertifikati jewq estrattii skont l-Artikoli 35 u 36;

(b) in-natura u l-kwantità tal-merkanzija kkonċernata u r-rata tar-rifużjoni tal-esportazzjoni jew tal-levy tal-esportazzjoni ffissata bil-quddiem.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan."

2. Fl-Artikolu 40, il-paragrafu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-każ ta' forza maġġuri li jkunu għarfu, billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja: in-natura tal-prodott ikkonċernat bil-kodiċi tan-NM tiegħu, l-operazzjoni (importazzjoni jew esportazzjoni), il-kwantitajiet involuti u, skont il-każ, il-kanċellazzjoni tal-liċenzja jew l-estensjoni tal-perjodu tal-validità tal-liċenzja bl-indikazzjoni tat-terminu tal-validità.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan."

3. Fl-aħħar tal-Kapitolu IV għandu jiddaħħal l-Artikolu 48a li ġej:

"*Artikolu 48a*

In-notifiki lill-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 14(5), l-Artikolu 29(2), (3) u (4), l-Artikolu 37, l-Artikolu 40(6) u l-Artikolu 47(3) ta' dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-26 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kummissjoni*
José Manuel BARROSO
*Il-President*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 75/2010

## tas-26 ta' Jannar 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-27 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | JO | 73,2 |
| | MA | 73,3 |
| | TN | 116,4 |
| | TR | 108,9 |
| | ZZ | 93,0 |
| 0707 00 05 | MA | 78,1 |
| | TR | 128,9 |
| | ZZ | 103,5 |
| 0709 90 70 | MA | 136,3 |
| | TR | 129,5 |
| | ZZ | 132,9 |
| 0805 10 20 | EG | 48,5 |
| | IL | 54,1 |
| | MA | 53,5 |
| | TN | 53,5 |
| | TR | 54,8 |
| | ZZ | 52,9 |
| 0805 20 10 | IL | 191,1 |
| | MA | 75,7 |
| | ZZ | 133,4 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 54,7 |
| | EG | 69,7 |
| | IL | 72,0 |
| | JM | 106,6 |
| | MA | 91,0 |
| | PK | 46,5 |
| | TR | 87,4 |
| | ZZ | 75,4 |
| 0805 50 10 | EG | 71,2 |
| | IL | 88,7 |
| | TR | 70,1 |
| | ZZ | 76,7 |
| 0808 10 80 | CA | 75,7 |
| | CL | 60,5 |
| | CN | 72,0 |
| | MK | 24,7 |
| | US | 121,9 |
| | ZZ | 71,0 |
| 0808 20 50 | CN | 72,3 |
| | US | 115,4 |
| | ZZ | 93,9 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 76/2010

## tas-26 ta’ Jannar 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta’ ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta’ Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f’dak li għandu x’jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta’ ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 69/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f’idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b’dan mmodifikati skont l-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-27 ta’ Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ Jannar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 19, 23.1.2010, p. 3.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mis-27 ta' Jannar 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 49,07 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 49,07 | 0,18 |
| 1701 12 10 (1) | 49,07 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 49,07 | 0,00 |
| 1701 91 00 (2) | 53,94 | 1,29 |
| 1701 99 10 (2) | 53,94 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 53,94 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,54 | 0,20 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Novembru 2009

## dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà

(2010/48/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 95 flimkien mat-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) F'Mejju 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tmexxi negozjati f'isem il-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Drittijiet u d-Dinjità tal-Persuni b'Diżabbiltà (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni NU").

(2) Il-Konvenzjoni NU kienet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-13 ta' Diċembru 2006 u daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008.

(3) Il-Konvenzjoni NU ġiet iffirmata f'isem il-Komunità fit-30 ta' Marzu 2007 suġġett għall-konklużjoni possibbli tagħha f'data iktar tard.

(4) Il-Konvenzjoni NU tikkostitwixxi pilastru rilevanti u effettiv għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà fl-Unjoni Ewropea, li kemm il-Komunità kif ukoll l-Istati Membri tagħha jagħtuhom importanza kbira.

(5) Il-Konvenzjoni NU għandha għalhekk tiġi approvata, f'isem il-Komunità, kemm jista' jkun malajr.

(6) Tali approvazzjoni, madankollu, għandha tkun akkumpanjata b'riżerva, li tiddaħħal mill-Komunità Ewropea, fir-rigward tal-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni NU, sabiex ikun iddikjarat li l-Komunità tikkonkludi l-Konvenzjoni NU mingħajr preġudizzju għad-dritt ibbażat fuq il-liġi Komunitarja, kif previst taħt l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE [2], tal-Istati Membri tagħha biex ma jkunx applikat għall-forzi armati l-prinċipju ta' trattament ugwali minħabba diżabbiltà.

(7) Il-Komunità kif ukoll l-Istati Membri tagħha għandhom kompetenza fl-oqsma koperti mill-Konvenzjoni NU. Għalhekk, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom isiru Partijiet Kontraenti għaliha, sabiex flimkien ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi stabbiliti mill-Konvenzjoni NU u jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom, f'sitwazzjonijiet ta' kompetenza kondiviża b'mod koerenti.

(8) Il-Komunità għandha, meta tiddepożita l-istrument tal-konferma formali, tiddepożita wkoll dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 44.1 tal-Konvenzjoni li tispeċifika l-materji regolati mill-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-kompetenza ġiet ittrasferita lilha mill-Istati Membri tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

1. Il-Konvenzjoni NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà hija b'dan approvata f'isem il-Komunità, suġġetta għal riżerva fir-rigward tal-Artikolu 27.1 tagħha.

2. It-test tal-Konvenzjoni NU jinsab fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

It-test tar-riżerva jinsab fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni.

---

[1] Opinjoni mogħtija fis-27 ta' April 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

*Artikolu 2*

1. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li jiddeppożitaw, f'isem il-Komunità Ewropea, l-istrument tal-konferma formali tal-Konvenzjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skont l-Artikoli 41 u 43 tal-Konvenzjoni NU.

2. Meta jiddepożitaw l-istrument tal-konferma formali, il-persuna jew persuni maħtura għandhom, skont l-Artikoli 44.1 tal-Konvenzjoni, jiddepożitaw id-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza, li tinsab fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-Riżerva, li tinsab fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Fir-rigward tal-materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tkun il-punt fokali għal materji relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni NU skont l-Artikolu 33.1 tal-Konvenzjoni NU. Id-dettalji dwar il-funzjoni ta' punt fokali f'dan ir-rigward għandhom jiġu stabbiliti f'Kodiċi ta' Kondotta qabel id-depożizzjoni tal-istrument tal-konferma formali f'isem il-Komunità.

*Artikolu 4*

1. Fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-laqgħat tal-korpi maħluqa mill-Konvenzjoni NU, b'mod partikolari il-Konferenza tal-Partijiet imsemmija fl-Artikolu 40 tagħha, u għandha taġixxi f'isimha fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' dawk il-korpi.

2. Fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenzi kondiviżi tal-Komunità u l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw minn qabel l-arranġamenti adatti għar-rappreżentazzjoni tal-pożizzjoni tal-Komunità f'laqgħat tal-korpi maħluqa mill-Konvenzjoni NU. Id-dettalji dwar din ir-rappreżentazzjoni għandhom jiġu stabbiliti f'Kodiċi ta' Kondotta li għandu jiġi maqbul qabel id-depożizzjoni tal-istrument tal-konferma formali f'isem il-Komunità.

3. Fil-laqgħat imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, fejn meħtieġ b'konsultazzjoni minn qabel ma' istituzzjonijiet konċernati oħrajn tal-Komunità, għandhom jikkooperaw mill-qrib, b'mod partikolari għal dawk li huma arranġamenti ta' monitoraġġ, rappurtar u vvutar. L-arranġamenti għall-iżgurar ta' kooperazzjoni mill-qrib għandhom ukoll jiġu indirizzati fil-Kodiċi ta' Kondotta msemmi fil-paragrafu 2.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BJÖRKLUND

*ANNESS I*

## KONVENZJONI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-PERSUNI B'DIŻABBILTÀ

### Preambolu

L-ISTATI PARTIJIET GĦAL DIN IL-KONVENZJONI,

(a) Filwaqt li jiftakru l-prinċipji proklamati fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li jagħrfu d-dinjità u l-valur inerenti u d-drittijiet ugwali u inaljenabbli tal-membri kollha tal-familja umana bħala l-bażi tal-libertà, il-ġustizzja u l-paċi fid-dinja,

(b) Filwaqt li jagħrfu li n-Nazzjonijiet Uniti, fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ipproklamat u qablet li kulħadd huwa intitolat għad-drittijiet u l-libertajiet kollha stabbiliti fihom, mingħajr ebda tip ta' distinzjoni,

(c) Filwaqt li jaffermaw mill-ġdid l-universalità, l-indiviżibbiltà, l-interdipendenza u l-interrelazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha u l-bżonn li persuni b'diżabbiltà jiġu ggarantiti t-tgawdija sħiħa tagħhom mingħajr diskriminazzjoni,

(d) Filwaqt li jiftakru l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Kastig Krudili, Inuman jew Degradanti, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Immigranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom,

(e) Filwaqt li jagħrfu li d-diżabbiltà hija kunċett li qed jevolvi u li d-diżabbiltà tirriżulta mill-effett reċiproku bejn il-persuni bi ħsara fis-saħħa l-barrieri ta' attitudni u ambjentali li jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor,

(f) Filwaqt li jagħrfu l-importanza tal-prinċipji u tal-linji gwida ta' politika li jinsabu fil-Programm Dinji ta' Azzjoni dwar Persuni b'Diżabbiltà u fir-Regoli Standard dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabbiltà fil-mod kif dawn jinfluwenzaw il-promozzjoni, it-tfassil u l-valutazzjoni tal-linji ta' politika, pjanijiet, programmi u azzjonijiet fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali biex l-opportunitajiet għal persuni b'diżabbiltà jkomplu jsiru aktar indaqs,

(g) Filwaqt li jenfasizzaw l-importanza li l-kwistjonijiet ta' diżabbiltà jiġu integrati bħala parti integrali tal-istrateġiji relevanti ta' żvilupp sostenibbli,

(h) Filwaqt li jagħrfu wkoll li d-diskriminazzjoni kontra kwalunkwe persuna fuq il-bażi ta' diżabbiltà hija ksur tad-dinjità u l-valur tal-bniedem,

(i) Filwaqt li jkomplu jagħrfu d-diversità tal-persuni b'diżabbiltà,

(j) Filwaqt li jagħrfu l-bżonn biex jiġu promossi u protetti d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kollha b'diżabbiltà, inklużi dawk li għandhom bżonn iktar appoġġ intensiv,

(k) Filwaqt li huma mħassba li, minkejja dawn id-diversi strumenti u aċċettazzjonijiet, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli fil-parteċipazzjoni tagħhom bħala membri sħaħ fis-soċjetà u ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom f'kull parti tad-dinja,

(l) Filwaqt li jagħrfu l-importanza ta' koperazzjoni internazzjonali biex jittejbu l-kondizzjonijiet tal-għajxien ta' persuni b'diżabbiltà f'kull pajjiż, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

(m) Filwaqt li jagħrfu l-kontributi siewja, kemm eżistenti kif ukoll potenzjali, mogħtija minn persuni b'diżabbiltà għall-ġid u d-diversità ġenerali tal-komunitajiet tagħhom, u li l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa mill-persuni b'diżabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħhom u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabbiltà jwasslu biex dawn iħossuhom aktar parti mis-soċjetà, u għal avvanzi sinifikanti fl-iżvilupp uman, soċjali u ekonomiku tas-soċjetà u biex jinqered il-faqar,

(n) Filwaqt li jagħrfu l-importanza għall-persuni b'diżabbiltà li jkollhom l-awtonomija u indipendenza individwali tagħhom, inkluża l-libertà biex jagħmlu l-għażliet tagħhom stess,

(o) Filwaqt li jqisu li l-persuni b'diżabbiltà għandu jkollhom l-opportunità biex ikunu involuti b'mod attiv fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar linji ta' politika u programmi, inklużi dwak li jikkonċernawhom direttament,

(p) Filwaqt li jinsabu mħassba dwar il-kondizzjonijiet diffiċli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabbiltà li huma suġġetti għal iktar minn forma waħda jew għal forom aggravati ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza, kulur, sess, lingwa, reliġjon, politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali, etnika, indiġena jew soċjali, proprjetà, twelid, età jew stat ieħor,

(q) Filwaqt li jagħrfu li n-nisa u t-tfajliet jew bniet b'diżabbiltà huma ħafna drabi f'riskju ikbar, kemm ġewwa kif ukoll barra d-dar, ta' vjolenza, feriment jew abbuż, nuqqas ta' attenzjoni jew trattament negliġenti, trattament ħażin jew sfruttament,

(r) Filwaqt li jagħrfu li tfal b'diżabbiltà għandu jkollhom tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fuq bażi ugwali ma' tfal oħra, u filwaqt li jiftakru mill-ġdid l-obbligi li assumew l-Istati Partijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

(s) Filwaqt li jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi inkorporta perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-isforzi ta' promozzjoni kollha sabiex il-persuni b'diżabbiltà jgawdu b'mod sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha tagħhom,

(t) Filwaqt li jisħqu dwar il-fatt li l-maġġoranza ta' persuni b'diżabbiltà jgħixu f'kondizzjonijiet ta' faqar, u filwaqt li f'dan ir-rigward jagħrfu l-bżonn kritiku biex jiġi indirizzat l-impatt negattiv tal-faqar fuq persuni b'diżabbiltà,

(u) Filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-kondizzjonijiet ta' paċi u sigurtà fuq il-bażi ta' rispett sħiħ lejn l-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-osservanza ta' strumenti ta' drittijiet tal-bniedem applikabbli huma indispensabbli għall-ħarsien sħiħ tal-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari waqt kunflitti bl-użu ta' armi u okkupazzjoni barranija,

(v) Filwaqt li jagħrfu l-importanza tal-aċċessibbiltà għall-ambjent fiżiku, soċjali, ekonomiku u kulturali, għall-edukazzjoni u s-saħħa u għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex ikun possibli li persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jgawdu b'mod sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha,

(w) Filwaqt li jirrealizzaw li l-individwu, li għandu obbligi lejn individwi oħra u lejn il-komunità li minnha huwa jkun parti, għandu jassumi responsabbiltà biex jistinka għall-promozzjoni u l-osservanza tad-drittijiet rikonoxxuti fl-Abbozz tal-Liġi Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

(x) Filwaqt li huma konvinti li l-familja hija l-unità ta' grupp naturali u fundamentali tas-soċjetà u hija intitolata għal protezzjoni mis-soċjetà u mill-Istat, u li l-persuni b'diżabbiltà u l-membri tal-familji tagħhom għandhom jirċievu l-protezzjoni u l-għajnuna meħtieġa sabiex il-familji jkunu jistgħu jikkontribwixxu lejn it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà,

(y) Filwaqt li huma konvinti li konvenzjoni internazzjonali, li tkun komprensiva u integrali, u li tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet u d-dinjità tal-persuni b'diżabbiltà għandha tagħti kontribut sinifikanti biex jiġi rrimedjat l-iżvantaġġ soċjali profond tal-persuni b'dizabbiltajiet, u għandha tippromwovi l-parteċipazzjoni tagħhom fl-isferi ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali b'opportunitajiet indaqs, kemm fil-pajjiżi żviluppati kif ukoll f'dawk li qed jiżviluppaw,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Għan**

L-għan ta' din il-Konvenzjoni huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà, u li tippromwovi ir-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom.

Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dwak li għandom ħsarat fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi fuq perjodu twil li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni:

"Komunikazzjoni" tinkludi lingwi, wiri ta' test, Braille, komunikazzjoni bis-sens tal-mess, tipa kbira, multimidja aċċessibbli kif ukoll forom, mezzi u formati ta' komunikazzjoni miktuba, bl-awdjo, b'lingwa sempliċi, u dawk li jimitaw il-qari mill-bniedem, inklużi teknoloġija aċċessibbli tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

"Lingwa" tinkludi lingwi mitkellma jew bis-sinjali u forom oħra ta' lingwi mhux mitkellma;

"Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà" tfisser kwalunkwe distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà li għandha l-għan jew effett li tfixkel jew ixxejjen l-għarfien, it-tgawdija jew l-eżerċitar, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fil-qasam politiku, ekonomiku, soċjali, kulturali, ċivili jew fi kwalunkwe qasam ieħor. Din tinkludi il-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluża ċ-ċaħda ta' aġevolezza raġonevoli;

"Akkomodazzjoni raġonevoli" tfisser modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew bla bżonn, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabbiltà jistgħu jgawdu u jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha;

"Disinn universali" tfisser id-disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi biex ikunu jistgħu jintużaw mill-persuni kollha, sal-iktar punt possibbli, mingħajr il-bżonn għal adattament jew disinn speċjalizzat. "Disinn universali" m'għandux jeskludi apparat ta' għajnuna għal gruppi partikolari ta' persuni b'diżabbiltà meta dan ikun meħtieġ.

*Artikolu 3*

**Prinċipji ġenerali**

Il-prinċipji ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikunu:

(a) Rispett għad-dinjità inerenti, l-awtonomija individwali inkluża l-libertà biex wieħed jagħmel l-għażliet tiegħu stess, u l-indipendenza tal-persuni;

(b) Nuqqas ta' diskriminazzjoni;

(c) Parteċipazzjoni u inklużjoni sħiħa u effettiva fis-soċjetà;

(d) Rispett għad-differenza u aċċetazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà bħala parti mid-diversità tal-bniedem u l-umanità;

(e) Opportunitajiet indaqs;

(f) Aċċessibbiltà;

(g) Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa;

(h) Rispett għall-kapaċitajiet li jevolvu tat-tfal b'diżabbiltà u rispett għad-dritt tat-tfal b'diżabbiltà li jippreżervaw l-identitajiet tagħhom.

*Artikolu 4*

**Obbligi ġenerali**

1. L-Istati Partijiet jintrabtu li jiżguraw u jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha għall-persuni b'diżabbiltà kollha mingħajr diskriminazzjoni ta' ebda tip fuq il-bażi ta' diżabbiltà. Għal dan il-għan, l-Istati Partijiet jintrabtu:

(a) Li jadottaw miżuri leġiżlattivi, amministrattivi u miżuri oħra adegwati għall-implimentazzjoni tad-drittijiet rikonoxxuti f'din il-Konvenzjoni;

(b) Li jieħdu l-miżuri adegwati kollha, inkluża leġiżlazzjoni, biex jimmodifikaw jew ineħħu liġijiet, regolamenti, konswetudnijiet u prattiċi eżistenti li jikkostitwixxu diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà;

(c) Li jqisu l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni b'diżabbiltà fil-linji ta' politika u l-programmi kollha;

(d) Li joqogħdu lura milli jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe att jew prattika li huma inkonsistenti ma' din il-Konvenzjoni u li jiżguraw li l-awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi jaġixxu f'konformità ma' din il-Konvenzjoni;

(e) Li jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jeqirdu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà minn kwalunkwe persuna, organizzazzjoni jew intrapriża privata;

(f) Li jwettqu jew jippromwovu riċerka u żvilupp ta' oġġetti, servizzi u faċilitajiet iddisinjati universalment, kif definiti fl-Artikolu 2 ta' din il-Konvenzjoni, li għandhom jeħtieġu l-inqas adattament possibbli u l-inqas prezz biex jissodisfaw il-bżonnijiet speċifiċi ta' persuna b'diżabbiltà, biex jippromwovu id-disponibbiltà u l-użu tagħhom, u biex jippromwovu abbozz universali fl-iżvilupp ta' standards u linji gwida;

(g) Li jwettqu jew jippromwovu riċerka u żvilupp ta', u biex jippromwovu d-disponibbiltà u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, inklużi, teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għajnuniet tal-mobbiltà, tagħmir u teknoloġiji ta' assistenza, xierqa għall-persuni b'diżabbiltà, waqt li jagħtu prijorità għal teknoloġiji bi prezz li jista' jitħallas minn dak li jkun;

(h) Li jipprovdu informazzjoni aċċessibbli lill-persuni b'diżabbiltà dwar għajnuniet tal-mobbiltà, tagħmir u teknoloġiji ta' assistenza, inklużi teknoloġiji ġodda, kif ukoll forom oħra ta' assistenza, servizzi ta' appoġġ u faċilitajiet;

(i) Li jippromwovu t-taħriġ ta' professjonisti u persunal li jaħdmu mal-persuni b'diżabbiltà dwar id-drittijiet rikonoxxuti f'din il-Konvenzjoni biex jipprovdu aħjar l-assistenza u s-servizzi ggarantiti minn dawk id-drittijiet.

2. Fir-rigward ta' drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, kull Stat Parti jintrabat li jieħu miżuri sal-massimu tar-riżorsi disponibbli tiegħu u, fejn meħtieġ, fi ħdan il-qafas ta' koperazzjoni internazzjonali, bl-għan li jikseb b'mod progressiv il-kisba sħiħa ta' dawn id-drittijiet, mingħajr ħsara lil dawk l-obbligi li qegħdin f'din il-Konvenzjoni li huma applikabbli direttament skont il-liġi internazzjonali.

3. Fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u linji ta' politika biex tiġi implimentata din il-Konvenzjoni, u f'proċessi oħra fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-persuni b'diżabbiltà, l-Istati Partijiet għandhom jikkonsultaw mill-qrib u jinvolvu b'mod attiv lill-persuni b'diżabbiltà, inklużi tfal b'diżabbiltà, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

4. Din il-Konvenzjoni hija mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni li tippromwovi aktar il-kisba tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u li tista' tkun tinsab fil-liġi ta' xi Stat Parti jew fid-dritt internazzjonali fis-seħħ għal dak l-Istat. M'għandu jkun hemm ebda restrizzjoni jew deroga minn kwalunkwe drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali rikonoxxuti jew eżistenti fi kwalunkwe Stat Parti għal din il-Konvenzjoni skont liġijiet, konvenzjonijiet, regolamenti jew konswetudnijiet bl-iskuża li din il-Konvenzjoni ma tirrikonoxxix tali drittijiet jew libertajiet jew li tirrikonoxxihom fuq grad inqas.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandhom jestendu għall-partijiet kollha tal-Istati federali mingħajr ebda limitazzjoni jew eċċezzjoni.

*Artikolu 5*

**Ugwaljanza u non-diskriminazzjoni**

1. L-Istati Partijiet jagħrfu li l-persuni kollha huma ugwali quddiem u taħt il-liġi u huma intitolati mingħajr kwalunkwe diskriminazzjoni għall-protezzjoni ugwali u għal benefiċċju ugwali tal-liġi.

2. L-Istati Partijiet għandhom jipprojbixxu kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà u jiggarantixxu lill-persuni b'diżabbiltà protezzjoni legali li hija ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi.

3. Sabiex jippromwovu l-ugwaljanza u jeliminaw id-diskriminazzjoni, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha adegwati biex jiżguraw li tingħata aġevolezza raġonevoli.

4. Miżuri speċifiċi li huma neċessarji biex titħaffef jew tinkiseb *de facto* l-ugwaljanza tal-persuni b'diżabbiltà m'għandhomx jitqiesu bħala diskriminazzjoni taħt it-termini ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 6*

**Nisa b'diżabbiltà**

1. L-Istati Partijiet jagħrfu li n-nisa u tfajliet jew bniet b'diżabbiltà huma suġġetti għal numru ta' diskriminazzjonijiet, u f'dan ir-rigward għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali minnhom tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha.

2. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jiżguraw l-iżvilupp sħiħ, l-avvanz sħiħ u l-indipendenza sħiħa tan-nisa, bl-iskop li jiggarantulhom l-eżerċitar u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali stabbiliti f'din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 7*

**Tfal b'diżabbiltà**

1. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa mit-tfal b'diżabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fuq bażi ugwali ma' tfal oħrajn.

2. Fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw tfal b'diżabbiltà, l-aħjar interessi tat-tifel jew tifla għandom ikunu kunsiderazzjoni primarja.

3. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li t-tfal b'diżabbiltà jkollhom id-dritt li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom b'mod ħieles fuq il-kwistjonijiet kollha li jolqtuhom, bl-opinjonijiet tagħhom jitqiesu skont kif xieraq skont l-età u l-maturità tagħhom, fuq bażi ugwali ma' tfal oħra, u li jingħata għajnuna adatta għad-diżabbiltà skont l-età biex jiksbu dak id-dritt.

*Artikolu 8*

**Ħolqien ta' kuxjenza**

1. L-Istati Partijiet jintrabtu li jadottaw miżuri immedjati, effettivi u adegwati:

(a) Biex joħolqu kuxjenza fost is-soċjetà, inkluż fil-livell tal-familja, rigward il-persuni b'diżabbiltà, u biex jinkoraġġixxu r-rispett għad-drittijiet u d-dinjità tal-persuni b'diżabbiltà;

(b) Biex jiġġieldu kontra l-isterjotipi, preġudizzji u prattiċi li jagħmlu l-ħsara relatati mal-persuni b'diżabbiltà, inklużi dawk ibbażati fuq sess u età, fl-oqsma kollha tal-ħajja;

(c) Biex jippromwovu l-għarfien tal-kapaċitajiet u l-kontributi tal-persuni b'diżabbiltà.

2. Miżuri għal dan il-għan jinkludu:

(a) Li jingħata bidu u jinżammu għaddejjin kampanji effettivi għal ħolqien ta' kuxjenza fost il-pubbliku, b'dawn il-miri:

(i) Li titrawwem sensittività għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà;

(ii) Jitħeġġu perċezzjonijiet pożittivi u kuxjenza soċjali akbar lejn il-persuni b'diżabbiltà;

(iii) Jiġu rikonoxxuti aktar il-kapaċitajiet, il-merti u l-ħiliet tal-persuni b'diżabbiltà, u tal-kontribut tagħhom lejn il-post tax-xogħol u s-suq tax-xogħol;

(b) Trawwim fil-livelli kollha tas-sistema edukattiva, inklużi fit-tfal kollha minn età bikrija, ta' attitudni ta' rispett għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà;

(c) Jitħeġġu l-organi kollha tal-mezzi tax-xandir biex jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà b'mod konsistenti mal-iskop ta' din il-Konvenzjoni;

(d) Promozzjoni ta' programmi ta' għarfien u taħriġ rigward persuni b'diżabbiltà u d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà.

*Artikolu 9*

**Aċċessibbiltà**

1. Sabiex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti u jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-aspetti kollha tal-ħajja, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw lill-persuni b'diżabbiltà aċċess, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għall-ambjent fiżiku, għat-trasport, għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi sistemi u teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u għal faċilitajiet oħra u servizzi miftuħa jew mogħtija lill-pubbliku, kemm f'żoni urbani kif ukoll f'żoni rurali. Dawn il-miżuri, li għandhom jinkludu l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni ta' ostakli u barrieri għall-aċċessibbiltà, għandom japplikaw għal, *inter alia*:

(a) Binjiet, toroq, trasport u faċilitajiet oħra fuq ġewwa u fuq barra, inklużi skejjel, akkomodazzjoni, faċilitajiet ta' kura u postijiet tax-xogħol;

(b) Informazzjoni, komunikazzjoni u servizzi oħra, inklużi servizzi elettroniċi u servizzi ta' emerġenza.

2. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati:

(a) Biex jiżviluppaw, ixandru u jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' standards minimi u ta' linji gwida għall-aċċessibbiltà tal-faċilitajiet u servizzi miftuħa jew mogħtija lill-pubbliku;

(b) Biex jiżguraw li l-entitajiet privati li joffru faċilitajiet u servizzi li huma miftuħa jew mogħtija lill-pubbliku jikkunsidraw l-aspetti kollha tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà;

(c) Biex jipprovdu taħriġ għall-partijiet interessati dwar kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabbiltà;

(d) Biex jipprovdu sistemi pubbliċi ta' sinjali bil-Braille u f'forom li huma faċli biex jinqraw u jinftiehmu fil-binjiet u faċilitajiet oħra miftuħa għall-pubbliku;

(e) Biex jipprovdu forom ta' assistenza diretta u intermedjarja, inklużi gwidi, qarrejja u interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali, biex jiffaċilitaw l-aċċessibbiltà għall-binjiet u faċilitajiet oħra miftuħa għall-pubbliku;

(f) Biex jippromwovu forom oħra ta' assistenza u appoġġ adegwati lill-persuni b'diżabbiltà biex jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni;

(g) Biex jippromwovu aċċess għall-persuni b'diżabbiltà għal sistemi u teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż l-Internet;

(h) Biex jippromwovu d-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' sistemi u teknoloġiji aċċessibbli tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni minn età bikrija, sabiex dawn it-teknoloġiji u sistemi jsiru aċċessibbli bi prezz minimu.

*Artikolu 10*

**Dritt għall-ħajja**

L-Istati Partijiet jaffermaw mill-ġdid li kull bniedem għandu d-dritt inerenti għall-ħajja u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw it-tgawdija effettiva tiegħu mill-persuni b'diżabbiltà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

*Artikolu 11*

**Sitwazzjonijiet ta' riskju u emerġenzi umanitarji**

L-Istati Partijiet għandhom jieħdu, skont l-obbligi tagħhom taħt il-liġi internazzjonali, inklużi l-liġi internazzjonali umanitarja u l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni u s-sigurtà tal-persuni b'diżabbiltà f'sitwazzjonijiet ta' riskju, inklużi sitwazzjonijiet ta' kunflitti bl-użu ta' armi, ta' emerġenzi umanitarji u okkorrenzi ta' diżastri naturali.

*Artikolu 12*

**Għarfien ugwali quddiem il-liġi**

1. L-Istati Partijiet jaffermaw mill-ġdid li l-persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt għal għarfien kullimkien bħala persuni quddiem il-liġi.

2. L-Istati Partijiet għandhom jagħrfu li l-persuni b'diżabbiltà jgawdu kapaċità legali fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fl-aspetti kollha tal-ħajja.

3. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jipprovdu aċċess mill-persuni b'diżabbiltà għall-appoġġ li jista' jkollhom bżonn biex jeżerċitaw il-kapaċità legali tagħhom.

4. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li l-miżuri kollha li jirrelataw mat-tħaddim tal-kapaċità legali jipprovdu għal salvagwardji adegwati u effettivi biex ma jħallux li jsir abbuż skont il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dawn is-salvagwardji għandhom jiżguraw li l-miżuri li jirrelataw mat-tħaddim tal-kapaċità legali jirrispettaw id-drittijiet, ir-rieda u l-preferenzi tal-persuna, huma ħielsa minn kunflitt ta' interess u influwenza, huma proporzjonati u mfassla għaċ-ċirkustanzi tal-persuna, japplikaw għall-inqas ħin possibbli u huma suġġetti għal reviżjoni regolari minn awtorità jew korp ġuridiku kompetenti, indipendenti u imparzjali. Is-salvagwardji għandhom ikunu proporzjonali għall-grad li għalih tali miżuri jaffettwaw l-interessi u d-drittijiet tal-persuna.

5. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati u effettivi kollha biex jiżguraw id-dritt ugwali tal-persuni b'diżabbiltà biex ikunu sidien ta' jew jirtu proprjetà, biex jikkontrollaw l-affarijiet finanzjarji tagħhom stess u biex ikollhom aċċess ugwali għal self mill-bank, ipoteki u forom oħra ta' kreditu finanzjarju, u għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà ma jiċċaħħdux mill-proprjetà tagħhom b'mod arbitrarju.

*Artikolu 13*

**Aċċess għall-ġustizzja**

1. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabbiltà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, inkluż permezz tal-għoti ta' konċessjonijiet proċedurali u adattati skont l-età, sabiex jitħaffef l-irwol effettiv tagħhom bħala parteċipanti diretti u indiretti, inkluż bħala xhieda, fil-proċeduri legali kollha, inkluż fl-istadji investigattivi u stadji preliminari oħra.

2. Sabiex jgħinu biex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabbiltà, l-Istati Partijiet għandhom jippromwovu taħriġ adegwat għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, inklużi pulizija u persunal tal-ħabsijiet.

*Artikolu 14*

**Libertà u sigurtà tal-persuna**

1. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor:

(a) Igawdu d-dritt għal-lilbertà u s-sigurtà tal-persuna;

(b) Mhumiex imċaħħda mil-libertà tagħhom bi ksur tal-liġi jew b'mod arbitrarju, u li ċaħda tal-libertà hija f'konformità mal-liġi, u li l-eżistenza ta' xi diżabbiltà m'għandha f'ebda każ tiġġustifika ċaħda tal-libertà.

2. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li jekk persuni b'diżabbiltà jiċċaħħdu mil-libertà tagħhom permezz ta' kwalunkwe proċess, dawn huma, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, intitolati għal garanziji skont il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u għandhom jiġu ttrattati b'osservanza tal-għanijiet u l-prinċipji ta' din il-Konvenzjoni, inkluż bil-provvediment ta' aġevolezza raġonevoli.

*Artikolu 15*

**Ħelsien mit-tortura u mit-trattament jew kastig krudili, inumani jew degradanti**

1. Ħadd m'għandu jiġi suġġett għal tortura jew trattament jew kastig krudili, inumani jew degradanti. B'mod partikolari, ħadd m'għandu jiġi suġġett għal sperimentazzjoni medika jew xjentifika mingħajr il-kunsens ħieles tiegħu jew tagħha.

2. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu kull miżura effettiva leġiżlattiva, amministrattiva u ġuridika u miżuri oħra biex ma jħallux li persuni b'diżabbiltà jiġu suġġetti għal tortura jew għal trattament jew kastig krudili, inumani jew degradanti.

*Artikolu 16*

**Ħelsien mill-isfruttament, il-vjolenza u l-abbuż**

1. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu kull miżura effettiva leġiżlattiva, amministrattiva, soċjali u edukattiva u miżuri oħra biex jipproteġu lill-persuni b'diżabbiltà, kemm barra kif ukoll ġewwa darhom, minn kull forma ta' sfruttament, vjolenza u abbuż, inklużi l-aspetti tagħhom ibbażati fuq is-sess.

2. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu wkoll il-miżuri adegwati kollha biex jipprevjenu kull forma ta' sfruttament, vjolenza u abbuż billi jiżguraw, *inter alia*, forom adegwati ta' assistenza u appoġġ li huma sensittivi għas-sess u l-età għall-persuni b'diżabbiltà, il-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom, inkluż permezz tal-provvediment ta' informazzjoni u edukazzjoni dwar kif għandhom jiġu evitati, magħrufa u rrapportati każijiet ta' sfruttament, vjolenza u abbuż. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' protezzjoni huma sensittivi għall-età, is-sess u d-diżabbiltà.

3. Sabiex jipprevjenu kwalunkwe forma ta' sfruttament, vjolenza u abbuż, l-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet u l-programmi kollha maħsuba biex iservu lill-persuni b'diżabbiltà jiġu ssorveljati b'mod effettiv minn awtoritajiet indipendenti.

4. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jippromwovu l-irkupru fiżiku, konjittiv u psikolġiku, ir-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-persuni b'diżabbiltà li jisfaw vittmi ta' kwalunkwe forma ta' sfruttament, vjolenza jew abbuż, inkluż permezz tal-provvediment ta' servizzi ta' protezzjoni. Tali rkupru u integrazzjoni mill-ġdid għandhom jitwettqu f'ambjent li jinkoraġġixxi s-saħħa, il-benesseri, ir-rispett tal-persuna lejha nfisha, id-dinjità u l-awtonomija tal-persuna, waqt li jitqiesu l-bżonnijiet speċifiċi skont is-sess u l-età.

5. L-Istati Partijiet għandhom jistabbilixxu leġiżlazzjoni u linji ta' politika effettivi, inklużi leġiżlazzjoni u linji ta' politika ffokati fuq in-nisa u t-tfal, biex jiżguraw li l-każijiet ta' sfruttament, vjolenza u abbuż kontra l-persuni b'diżabbiltà jiġu identifikati, mistħarrġa u, meta jkun adattat, għandhom jittieħdu passi legali kontra tali mġiba.

*Artikolu 17*

**Protezzjoni tal-integrità tal-persuna**

Kull persuna b'diżabbiltà għandha dritt għal rispett għall-integrità fiżika u mentali tagħha fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

*Artikolu 18*

**Libertà tal-moviment u tan-nazzjonalità**

1. L-Istati Partijiet għandhom jagħrfu d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà għal-libertà tal-moviment, għal-libertà li jagħżlu r-residenza tagħhom u għan-nazzjonalità, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, inkluż billi jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà:

(a) Ikollhom id-dritt li jakkwistaw jew ibiddlu n-nazzjonalità, u li ma jkunux imċaħħda min-nazzjonalità tagħhom b'mod arbitrarju jew fuq il-bażi ta' diżabbiltà;

(b) Ma jiġux imċaħħda, fuq il-bażi ta' diżabbiltà, mill-fakultà tagħhom li jiksbu, ikollhom fil-pussess tagħhom jew jużaw dokumentazzjoni tan-nazzjonalità tagħhom jew dokumentazzjoni oħra ta' identifikazzjoni, jew milli jużaw proċessi relevanti bħal proċeduri ta' immigrazzjoni, li jistgħu jinħtieġu biex jitħaffef it-tħaddim tad-dritt għall-moviment ħieles;

(c) Ikunu ħielsa biex jitilqu minn kwalunkwe pajjiż, inkluż tagħhom stess;

(d) Ma jiġux imċaħħda, b'mod arbitrarju jew fuq il-bażi ta' diżabbiltà, mid-dritt li jidħlu f'pajjiżhom stess.

2. Tfal b'diżabbiltà għandhom jiġu rreġistrati minnufih wara t-twelid u għandu jkollhom id-dritt għal isem sa mit-twelid, id-dritt li jiksbu nazzjonalità u, sa fejn possibbli, id-dritt li jkunu jafu lill-ġenituri tagħhom u li dawn jieħdu ħsiebhom.

*Artikolu 19*

**Għajxien indipendenti u inklużjoni fil-komunità**

L-Istati Partijiet ta' din il-Konvenzjoni jagħrfu d-dritt ugwali tal-persuni kollha b'diżabbiltà li jgħixu fil-komunità, b'għażliet ugwali bħal ħaddieħor, u għandhom jieħdu miżuri adegwati u effettivi biex iħaffu t-tgawdija sħiħa mill-persuni b'diżabbiltà ta' dan id-dritt u tal-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom b'mod sħiħ fil-komunità, inkluż billi jiżguraw li:

(a) Il-persuni b'diżabbiltà jkollhom l-opportunità li jagħżlu l-post ta' residenza tagħhom u fejn u ma' min joqogħdu fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor u li ma jkunux obbligati jgħixu f'arranġament partikolari ta' għajxien;

(b) Il-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għal firxa ta' servizzi fid-djar, u servizzi residenzjali jew ta' appoġġ tal-komunità, inkluż assistenza personali meħtieġa biex tappoġġa l-għajxien u l-inklużjoni fil-komunità, u biex tilqa' kontra l-iżolament jew segregazzjoni mill-komunità;

(c) Is-servizzi u l-faċilitajiet tal-komunità għall-popolazzjoni ġenerali jkunu disponibbli fuq bażi ugwali għall-persuni b'diżabbiltà u li dawn jirreaġixxu malajr għall-bżonnijiet tagħhom.

*Artikolu 20*

**Mobbiltà personali**

L-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw il-mobbiltà personali bl-ikbar indipendenza possibbli għall-persuni b'diżabbiltà, inkluż permezz ta':

(a) It-tħaffif tal-mobbiltà personali għall-persuni b'diżabbiltà bil-mod u fiż-żmien tal-għażla tagħhom, u bi prezz li jista' jintlaħaq;

(b) It-tħaffif tal-aċċess mill-persuni b'diżabbiltà għal għajnuniet tal-mobbiltà ta' kwalità, tagħmir, teknoloġiji ta' assistenza u forom ta' assistenza diretta u intermedjarji, inkluż billi dawn ikunu disponibbli bi prezz li jista' jista' jintlaħaq minn kulħadd;

(c) Provvediment ta' taħriġ fil-ħiliet ta' mobbiltà lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persunal speċjalizzat li jaħdem mal-persuni b'diżabbiltà;

(d) Inkoraġġiment lill-entitajiet li jipproduċu għajnuniet tal-mobbiltà, tagħmir u teknoloġiji ta' assistenza biex jikkunsidraw l-aspetti kollha tal-mobbiltà għal persuni b'diżabbiltà.

*Artikolu 21*

**Libertà tal-espressjoni u l-opinjoni, u aċċess għall-informazzjoni**

L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-opinjoni, inkluż il-libertà biex ifittxu, jirċievu u jikkomunikaw informazzjoni u ideat fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor u permezz tal-forom kollha ta' komunikazzjoni tal-għażla tagħhom, kif iddefinit fl-Artikolu 2 ta' din il-Konvenzjoni, inkluż billi:

(a) Jipprovdu informazzjoni maħsuba għall-pubbliku ġenerali lill-persuni b'diżabbiltà f'formats u teknoloġiji aċċessibbli u adegwati għal tipi ta' diżabbiltà differenti b'mod puntwali u mingħajr prezz addizzjonali;

(b) Jaċċettaw u jiffaċilitaw l-użu ta' lingwi bis-sinjali, Braille, komunikazzjoni awmentattiva u alternattiva, u l-użu tal-mezzi, modi u formats ta' komunikazzjoni oħrajn kollha magħżula mill-persuni b'diżabbiltà f'attivitajiet interattivi uffiċjali;

(c) Iħeġġu lill-entitajiet privati li jipprovdu servizzi lill-pubbliku ġenerali, inkluż permezz tal-Internet, biex jipprovdu informazzjoni u servizzi f'formats aċċessibbli u li jistgħu jintużaw mill-persuni b'diżabbiltà;

(d) Jinkoraġġixxu lill-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa, inklużi fornituri ta' informazzjoni permezz tal-Internet, biex jagħmlu s-servizzi tagħhom aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà;

(e) Jagħrfu u jippromwovu l-użu tal-lingwi tas-sinjali.

*Artikolu 22*

**Rispett għall-privatezza**

1. Ebda persuna b'diżabbiltà, irrispettivament mill-post ta' residenza jew arranġamenti ta' għajxien, m'għandha tiġi suġġetta għal ndħil b'mod arbitrarju jew illegali fil-privatezza, il-familja, id-dar jew korrispondenza jew tipi oħra ta' komunikazzjoni tagħha, jew għal attakki illegali fuq l-unur u reputazzjoni tagħha. Il-persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt għall-protezzjoni tal-liġi kontra tali ndħil jew attakki.

2. L-Istati Partijiet għandhom jipproteġu l-privatezza tal-informazzjoni personali, dwar is-saħħa u dwar riabilitazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

*Artikolu 23*

**Rispett għad-dar u l-familja**

1. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri effettivi u adegwati biex jeliminaw id-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà fil-kwistjonijiet kollha relatati ma' żwieġ, familja, paternità jew maternità u relazzjonijiet, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, sabiex jiżguraw li:

(a) Jingħaraf id-dritt tal-persuni kollha b'diżabbiltà li huma ta' età taż-żwieġ biex jiżżewġu u jibnu familja fuq il-bażi tal-kunsens ħieles u sħiħ tal-persuni li jkunu ser jiżżewġu;

(b) Jingħarfu d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà biex jiddeċiedu b'mod ħieles u responsabbli dwar in-numru u tqassim tat-tfal tagħhom u biex ikollhom aċċess għal informazzjoni adatta skont l-età u għal edukazzjoni dwar ir-riproduzzjoni u l-ippjanar tal-familja, u biex jingħataw il-mezzi neċessarji biex jippermetulhom jeżerċitaw dawn id-drittijiet;

(c) Il-persuni b'diżabbiltà, inklużi tfal, iżommu l-fertilità tagħhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

2. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, fir-rigward ta' servizzi ta' gwardjan, ta' kuratur, ta' fiduċjarju, ta' adozzjoni ta' tfal jew istituzzjonijiet simili, fejn dawn il-kunċetti jeżistu taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali; fil-każijiet kollha l-aħjar interessi t-tfal għandhom jingħataw l-akbar importanza. L-Istati Partijiet għandhom jipprovdu assistenza adegwata lill-persuni b'diżabbiltà fit-twettiq tar-responsabbiltajiet ta' trobbija tat-tfal.

3. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li t-tfal b'diżabbiltà jkollhom drittijiet ugwali fir-rigward tal-ħajja fil-familja. Bil-għan li jiksbu dawn id-drittijiet, u biex jilqgħu kontra l-ħabi, l-abbandun, in-negliġenza u s-segregazzjoni ta' tfal b'diżabbiltà, l-Istati Partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jipprovdu informazzjoni bikrija u komprensiva, servizzi u appoġġ lit-tfal b'diżabbiltà u lill-familji tagħhom.

4. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li t-tfal ma jinfirdux mill-ġenituri tagħhom kontra r-rieda tal-ġenituri, b'eċċezzjoni meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw mingħajr ħsara għal kontroll ġuridiku, skont il-liġi u l-proċeduri applikabbli, li tali separazzjoni hija meħtieġa fl-aħjar interessi tat-tifel jew tifla. It-tfal f'ebda każ m'għandhom jittieħdu mill-ġenituri tagħhom fuq il-bażi ta' xi diżabbiltà tat-tifel jew tifla jew ta' ġenitur wieħed jew it-tnejn.

5. L-Istati Partijiet għandhom, fejn il-familja qariba ma tkunx kapaċi tieħu ħsieb tifel jew tifla b'diżabbiltà, jagħmlu kull sforz biex jipprovdu ħarsien alternattiv fi ħdan il-familja iktar wiesgħa, u jekk dan ma jseħħx, fi ħdan il-komunità f'ambjent ta' familja.

*Artikolu 24*

**Edukazzjoni**

1. L-Istati Partijiet għandhom jagħrfu id-dritt tal-persuni b'diżabbiltà għall-edukazzjoni. Bl-għan li dan id-dritt jiġi attwat mingħajr diskriminazzjoni u fuq bażi ta' opportunitajiet indaqs, l-Istati Partijiet għandhom jiżguraw sistema edukattiva inklużiva fil-livelli kollha u tagħlim tul il-ħajja mmirat lejn:

(a) L-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal tal-bniedem u tas-sens ta' dinjità u ta' rispett tal-persuna lejha nfisha, u t-tisħiħ tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u d-diversità tal-bniedem;

(b) L-iżvilupp tal-personalità, it-talenti u l-kreattività tal-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll tal-ħiliet mentali u fiżiċi tagħhom, sal-ogħla potenzjal possibbli tagħhom;

(c) L-għoti ta' għajnuna biex tippermetti li persuni b'diżabbiltà jipparteċipaw b'mod effettiv f'soċjetà ħielsa.

2. Fl-attwazzjoni ta' dan id-dritt, l-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li:

(a) Il-persuni b'diżabbiltà ma jiġux esklużi mis-sistema edukattiva ġenerali fuq il-bażi ta' diżabbiltà, u li t-tfal b'diżabbiltà ma jiġux esklużi minn edukazzjoni primarja b'xejn u obbligatorja, jew minn edukazzjoni sekondarja, fuq il-bażi ta' diżabbiltà;

(b) Il-persuni b'diżabbiltà jista' ikollhom aċċess għal edukazzjoni primarja u sekondarja li hija inklużiva, ta' kwalità u b'xejn fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fil-komunitajiet fejn huma joqogħdu;

(c) Tiġi pprovduta aġevolezza raġonevoli skont il-bżonnijiet tal-individwu;

(d) Persuni b'diżabbiltà jirċievu l-appoġġ meħtieġ, fi ħdan is-sistema edukattiva ġenerali, biex titħaffef l-edukazzjoni effettiva tagħhom;

(e) Jingħataw miżuri effettivi ta' appoġġ individwalizzat f'ambjenti li jkabbru kemm jista' jkun l-iżvilupp akkademiku u soċjali, b'konsistenza mal-għan ta' inklużjoni sħiħa.

3. L-Istati Partijiet għandhom jippermettu li l-persuni b'diżabbiltà jitgħallmu l-ħiliet tal-ħajja u l-iżvilupp soċjali biex titħaffef il-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tagħhom fl-edukazzjoni bħala membri tal-komunità. Għal dan il-għan, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati, inklużi:

(a) Jħaffu t-tagħlim tal-Braille, kitba alternattiva, forom, mezzi u formats imtejba u alternattivi ta' komunikazzjoni u ta' ħiliet ta' orjentazzjoni u mobbiltà, u jiffaċilitaw appoġġ mill-pari u t-trasferiment ta' tagħlim minn min għandu esperjenza;

(b) Jħaffu t-tagħlim tal-lingwa tas-sinjali u l-promozzjoni tal-identità lingwistika tal-komunità nieqsa mis-smigħ;

(c) Jiżguraw li l-edukazzjoni ta' persuni, u b'mod partikolari t-tfal, li huma nieqsa mid-dawl, mis-smigħ jew mit-tnejn, titwassal fl-iktar lingwi u forom u mezzi ta' komunikazzjoni adegwati għall-individwu, u f'ambjenti li jkabbru kemm jista' jkun l-iżvilupp akkademiku u soċjali.

4. Sabiex jgħinu fl-attwazzjoni ta' dan id-dritt, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jimpjegaw għalliema, inklużi għalliema b'diżabbiltà, li huma kkwalifikati fil-lingwa tas-sinjali u/jew il-Braille, u biex iħarrġu professjonisti u persunal li jaħdmu fil-livelli kollha tal-edukazzjoni. Tali taħriġ għandu jinkorpora għarfien dwar id-diżabbiltà u l-użu ta' forom, mezzi u formats imtejba u alternattivi ta' komunikazzjoni adegwati, tekniċi edukattivi u materjali biex jagħtu appoġġ lill-persuni b'diżabbiltà.

5. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkunu kapaċi jkollhom aċċess għal edukazzjoni terzarja ġenerali, taħriġ vokazzjonali, edukazzjoni għall-adulti u edukazzjoni tul il-ħajja mingħajr diskriminazzjoni fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Għal dan il-għan, l-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li tingħata aġevolezza raġonevoli lill-persuni b'diżabbiltà.

*Artikolu 25*

**Saħħa**

L-Istati Partijiet jagħrfu li l-persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt għat-tgawdija tal-ogħla livell ta' saħħa li jista' jintlaħaq mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jiżguraw l-aċċess ta' persuni b'diżabbiltà għal servizzi tas-saħħa li huma adatti skont is-sessi, inkluż riabilitazzjoni relatata mas-saħħa. B'mod partikolari, l-Istati Partijiet għandhom:

(a) Jipprovdu lill-persuni b'diżabbiltà l-istess firxa, kwalità u livell ta' kura u programmi tas-saħħa li huma b'xejn jew bi prezz li jista' jintlaħaq kif ipprovduti lil persuni oħrajn, inkluż fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva u programmi tas-saħħa pubblika offruti lill-popolazzjoni ġenerali;

(b) Jipprovdu dawk is-servizzi tas-saħħa meħtieġa mill-persuni b'diżabbiltà speċifikament minħabba d-diżabbiltajiet tagħhom, inklużi identifikazzjoni u intervent bikrija kif meħtieġ, u servizzi maħsuba biex inaqqsu kemm jista' jkun u jilqgħu kontra iktar diżabbiltà, inkluż fost it-tfal u persuni iktar anzjani;

(c) Jipprovdu dawn is-servizzi tas-saħħa kemm jista' ikun qrib il-komunitajiet tal-istess persuni, inkluż f'żoni rurali;

(d) Jobbligaw lill-professjonisti tas-saħħa biex jipprovdu lill-persuni b'diżabbiltà kura li hija tal-istess kwalità bħall-kura ta' persuni oħra, inkluż fuq il-bażi ta' kunsens ħieles u infurmat billi, *inter alia*, iżidu l-għarfien dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dinjità, l-awtonomija u l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà permezz ta' taħriġ u l-promulgazzjoni ta' standards etiċi għall-kura tas-saħħa pubblika u privata;

(e) Jipprojbixxu d-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà fil-provvediment ta' assigurazzjoni tas-saħħa, u assigurazzjoni tal-ħajja fejn tali assigurazzjoni hija permessa mil-liġi nazzjonali, li għandha tingħata b'mod ġust u raġonevoli;

(f) Jipprojbixxu ċ-ċaħda diskriminatorja ta' kura tas-saħħa jew servizzi tas-saħħa jew ikel u fluwidi fuq il-bażi ta' diżabbiltà.

*Artikolu 26*

**Abilitazzjoni u riabilitazzjoni**

1. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri effettivi u adegwati, inkluż permezz ta' appoġġ mill-pari, biex jippermettu li l-persuni b'diżabbiltà jiksbu u jżommu indipendenza massima, abbiltà fiżika, mentali, soċjali u vokazzjonali sħiħa, u inklużjoni u parteċipazzjoni sħaħ fl-aspetti kollha tal-ħajja. Għal dan il-għan, l-Istati Partijiet għandhom jorganizzaw, isaħħu u jestendu servizzi u programmi komprensivi ta' abilitazzjoni u riabilitazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, l-impjieg, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, b'tali mod li dawn is-servizzi u programmi:

(a) Jibdew fl-iktar stadju bikri possibbli, u jkunu bbażati fuq il-valutazzjoni multidixxiplinarja ta' bżonnijiet u saħħiet individwali;

(b) Jagħtu appoġġ għall-parteċipazzjoni u l-inklużjoni fil-komunità u l-aspetti kollha tas-soċjetà, ikunu voluntarji, u jkunu disponibbli għall-persuni b'diżabbiltà kemm jista' ikun qrib il-komunitajiet tagħhom stess, inklużi f'żoni rurali.

2. L-Istati Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' taħriġ tal-bidu u ta' tkomplija għal professjonisti u persunal li jaħdmu f'servizzi ta' abilitazzjoni u riabilitazzjoni.

3. L-Istati Partijiet għandhom jippromwovu d-disponibbiltà, l-għarfien u l-użu ta' tagħmir u teknoloġiji ta' assistenza, maħsuba għall-persuni b'diżabbiltà, kif dawn jirrelataw mal-abilitazzjoni u r-riabilitazzjoni.

*Artikolu 27*

**Xogħol u impjieg**

1. L-Istati Partijiet għandhom jagħrfu d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà biex jaħdmu, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor; dan jinkludi d-dritt għall-opportunità għal qligħ ta' għajxien permezz ta' xogħol magħżul b'mod liberu u ambjent tax-xogħol li hu miftuħ, inklużiv u aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà. L-Istati Partijiet għandhom iħarsu u jippromwovu l-kisba tad-dritt għax-xogħol, inkluż għal dawk li jġarrbu diżabbiltà matul l-impjieg tagħhom, billi jieħdu passi adegwati, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni, biex, *inter alia*:

(a) Jipprojbixxu diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw kull forma ta' impjieg, inklużi kondizzjonijiet ta' reklutaġġ, ingaġġ, u impjieg, it-tkomplija ta' impjieg, l-avvanz fil-karriera u kondizzjonijiet tax-xogħol siguri u tajba għas-saħħa;

(b) Jipproteġu d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għal kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u favorevoli, inklużi opportunitajiet indaqs u ħlas indaqs għal xogħol tal-istess valur, kondizzjonijiet tax-xogħol siguri u tajba għas-saħħa, inklużi protezzjoni minn fastidju, u l-għoti ta' rimedji għal ilmenti;

(c) Jiżguraw li persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tax-xogħol u trejdjunjonistiċi fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor;

(d) Jippermettu li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess effettiv għal programmi ġenerali ta' gwida teknika u vokazzjonali, servizzi ta' sejbien ta' impjieg u taħriġ vokazzjonali u kontinwu;

(e) Jippromwovu opportunitajiet ta' impjieg u avvanz fil-karriera għal persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, kif ukoll għajnuna għat-tfittxija, kisba, żamma u ritorn lura fl-impjieg;

(f) Jippromwovu opportunitajiet għal impjieg indipendenti, xogħol intraprenditorjali, l-iżvilupp ta' koperattivi u biex wieħed jiftaħ in-negozju tiegħu stess;

(g) Iħaddmu persuni b'diżabbiltà fis-settur pubbliku;

(h) Jippromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà fis-settur privat permezz ta' linji ta' politika u miżuri adegwati, li jistgħu jinkludu programmi ta' azzjoni affermattiva, inċentivi u miżuri oħra;

(i) Jiżguraw li tingħata aġevolezza raġonevoli lill-persuni b'diżabbiltà fil-post tax-xogħol;

(j) Jippromwovu l-kisba mill-persuni b'diżabbiltà ta' esperjenza tax-xogħol fis-suq miftuħ tax-xogħol;

(k) Jippromwovu riabilitazzjoni vokazzjonali u professjonali, żamma tal-impjieg u programmi għar-ritorn lura għax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà.

2. L-Istati Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà ma jinżammux fi skjavitù jew servitù, u jkunu protetti, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, minn xogħol imġiegħel jew obbligatorju.

*Artikolu 28*

**Livell ta' għajxien u protezzjoni soċjali adegwati**

1. L-Istati Partijiet jagħrfu d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà għal livell ta' għajxien adegwat għalihom u għall-familji tagħhom, inkluż ikel, ilbies u akkomodazzjoni adegwati, u għat-titjib kontinwu tal-kondizzjonijiet tal-għajxien, u għandhom jieħdu passi adegwati biex iħarsu u jippromwovu l-kisba ta' dan id-dritt mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà.

2. L-Istati Partijiet jagħrfu id-dritt tal-persuni b'diżabbiltà għal protezzjoni soċjali u għat-tgawdija ta' dak id-dritt mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà, u għandhom jieħdu passi adegwati biex iħarsu u jippromwovu l-kisba ta' dan id-dritt, inklużi miżuri:

(a) Biex jiżguraw aċċess ugwali mill-persuni b'diżabbiltà għal servizzi ta' ilma nadif, u biex jiżguraw aċċess għal servizzi, tagħmir u assistenza oħra għal bżonnijiet relatati ma' diżabbiltà li huma adegwati u bi prezz li jista' jintlaħaq;

(b) Biex jiżguraw aċċess mill-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari nisa u tfajliet b'diżabbiltà u persuni iktar anzjani b'diżabbiltà, għal programmi ta' protezzjoni soċjali u programmi ta' tnaqqis tal-faqar;

(c) Biex jiżguraw aċċess mill-persuni b'diżabbiltà u l-familji tagħhom li jgħixu f'sitwazzjonijiet ta' faqar għal għajnuna mill-Istat għal spejjeż relatati ma' diżabbiltà, inkluż taħriġ, konsulenza, assistenza finanzjarja u kura temporanja adegwati;

(d) Biex jiżguraw aċċess mill-persuni b'diżabbiltà għal programmi pubbliċi ta' akkomodazzjoni;

(e) Biex jiżguraw aċċess ugwali mill-persuni b'diżabbiltà għal benefiċċji u programmi ta' rtirar.

*Artikolu 29*

**Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika**

L-Istati Partijiet għandhom jiggarantixxu drittijiet politiċi lill-persuni b'diżabbiltà u l-opportunità li jgawduhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, u għandhom jintrabtu:

(a) Li jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv u sħiħ fil-ħajja politika u pubblika fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, direttament jew permezz ta' rappreżentanti magħżula liberament, inkluż id-dritt u l-opportunità għall-persuni b'diżabbiltà biex jivvutaw u jiġu eletti, *inter alia*, billi:

  (i) Jiżguraw li l-proċeduri, faċilitajiet u materjali ta' votazzjoni jkunu adegwati, aċċessibbli u faċli biex wieħed jifhimhom u jużahom;

  (ii) Jipproteġu d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà biex jivvutaw b'vot sigriet f'elezzjonijiet u referenda pubbliċi mingħajr intimidazzjoni, u biex joħorġu għall-elezzjonijiet, biex jokkupaw karigi u jwettqu l-funzjonijiet pubbliċi kollha fil-livelli kollha tal-gvern, jiffaċilitaw l-użu ta' teknoloġiji ġodda u ta' assistenza fejn adegwat;

  (iii) Jiggarantixxu l-espressjoni ħielsa tar-rieda tal-persuni b'diżabbiltà bħala votanti u għal dan il-għan, fejn meħtieġ, fuq talba tagħhom, jippermettu l-assistenza fil-votazzjoni minn xi persuna magħżula minnhom;

(b) Li jippromwovu b'mod attiv ambjent li fih il-persuni b'diżabbiltà jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv u sħiħ fl-amministrazzjoni tal-affarijiet pubbliċi, mingħajr diskriminazzjoni u fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tagħhom f'affarijiet pubbliċi, inkluż:

  (i) Parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet mhux governattivi li jikkonċernaw il-ħajja pubblika u politika fil-pajjiż, u fl-attivitajiet u l-amministrazzjoni ta' partiti politiċi;

  (ii) Formazzjoni ta' u sħubija f'organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà biex jirrappreżentaw persuni b'diżabbiltà f'livelli internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali.

*Artikolu 30*

**Parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali, rikreazzjoni, ħin liberu u sport**

1. L-Istati Partijiet jagħrfu d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà biex jieħdu sehem fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fil-ħajja kulturali, u għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà:

(a) Igawdu aċċess għal materjali kulturali f'formats aċċessibbli;

(b) Igawdu aċċess għal programmi televiżivi, films, teatru u attivitajiet kulturtali oħra, f'formats aċċessibbli;

(c) Igawdu aċċess għal postijiet ta' wirjiet jew servizzi kulturali, bħal teatri, mużewijiet, ċinema, libreriji u servizzi turistiċi, u, sa fejn possibbli, igawdu aċċess għal monumenti u siti ta' importanza kulturali nazzjonali.

2. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jippermettu li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom l-opportunità li jiżviluppaw u jużaw il-potenzjal kreattiv, artistiku u intellettwali tagħhom, mhux biss għall-benifiċċju tagħhom stess, imma wkoll sabiex tiġi mogħnija s-soċjetà.

3. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha, skont id-dritt internazzjonali, biex jiżguraw li liġijiet li jipproteġu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ma jikkostitwixxux ostaklu mingħajr raġuni jew diskriminatorju għall-aċċess ta' materjali kulturali mill-persuni b'diżabbiltà.

4. Il-persuni b'diżabbiltà għandom ikunu intitolati, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għal għarfien u appoġġ tal-identità kulturali u lingwistika speċifika tagħhom, inklużi lingwi tas-sinjali u kultura ta' dawk nieqsa mis-smigħ.

5. Bil-għan li jippermettu li l-persuni b'diżabbiltà jipparteċipaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor f'attivitajiet ta' rikreazzjoni, ta' ħin liberu u sportivi, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati:

(a) Biex jinkoraġġixxu u jippromwovu l-parteċipazzjoni, sal-iktar punt possibbli, tal-persuni b'diżabbiltà fil-livelli kollha ta' attivitajiet sportivi ġenerali;

(b) Biex jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom opportunità biex jorganizzaw, jiżviluppaw u jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi u ta' rikreazzjoni li huma speċifiċi għal xi diżabbiltà u, għal dan il-għan, jinkoraġġixxu l-provvediment ta' tagħlim, taħriġ u riżorsi, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor;

(c) Biex jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għal postijiet sportivi, ta' rikreazzjoni u ta' turiżmu;

(d) Biex jiżguraw li tfal b'diżabbiltà jkollhom aċċess ugwali bħal tfal oħrajn għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' logħob, rikreazzjoni, ħin liberu u sport, inkluż dawk l-attivitajiet fis-sistema tal-iskola;

(e) Biex jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għal servizzi pprovduti minn persuni involuti fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' rikreazzjoni, turizmu, ħin liberu u sport.

*Artikolu 31*

**Ġbir ta' data u statistika**

1. L-Istati Partijiet jintrabtu li jiġbru informazzjoni adegwata, inkluża data statistika u ta' riċerka, biex jgħinuhom jifformulaw u jimplimentaw linji ta' politika biex iwettqu fil-prattika din il-Konvenzjoni. Il-proċess ta' ġbir u żamma ta' din l-informazzjoni għandu:

(a) Jikkonforma ma' salvagwardji stabbiliti b'mod legali, inkluża l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, biex jiżguraw il-kunfidenzjalità u r-rispett għall-privatezza tal-persuni b'diżabbiltà;

(b) Jikkonforma ma' normi li huma aċċettati internazzjonalment u li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali u prinċipji etiċi fil-ġbir u l-użu ta' statistika.

2. L-informazzjoni miġbura skont dan l-Artikolu għandha tiġi diżaggregata, kif xieraq, u użata biex tgħin fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Istati Partijiet taħt din il-Konvenzjoni u biex tidentifika u tindirizza l-ostakli li l-persuni b'diżabbiltà jiffaċċjaw fit-tħaddim tad-drittijiet tagħhom.

3. L-Istati Partijiet għandhom jassumu responsabbiltà għat-tixrid ta' dawn l-istatistiċi u jiżguraw l-aċċessibbiltà tagħhom għall-persuni b'diżabbiltà u oħrajn.

*Artikolu 32*

**Koperazzjoni internazzjonali**

1. L-Istati Partijiet jagħrfu l-importanza ta' koperazzjoni internazzjonali u l-promozzjoni tagħha, b'appoġġ għal sforzi nazzjonali għal-kisba tal-iskop u l-objettivi ta' din il-Konvenzjoni, u għandhom jieħdu miżuri adegwati u effettivi f'dan ir-rigward, bejn u fost l-Istati u, jekk ikun xieraq, bi sħubija mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali relevanti u mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà. Tali miżuri jistgħu jinkludu, *inter alia*, li:

(a) Jiġi żgurat li l-koperazzjoni internazzjonali, inklużi programmi internazzjonali ta' żvilupp, tkun inklużiva u aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà;

(b) Jiġi ffaċilitat u appoġġat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż permezz ta' skambju u qsim ta' informazzjoni, esperjenzi, programmi ta' taħriġ u l-użu tal-aħjar prattiċi;

(c) Jitħaffu l-koperazzjoni fir-riċerka u l-aċċess għal tagħrif xjentifiku u tekniku;

(d) Tiġi pprovduta, kif xieraq, assistenza teknika u ekonomika, inkluż billi jitħaffu l-aċċess u l-qsim ta' teknoloġiji aċċessibbli u ta' għajnuna, u permezz ta' trasferiment ta' teknoloġiji.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma mingħajr ħsara għall-obbligi ta' kull Stat Parti biex iwettaq l-obbligi tiegħu taħt din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 33*

**Implimentazzjoni u sorveljanza nazzjonali**

1. L-Istati Partijiet għandhom, skont is-sistema ta' organizzazzjoni tagħhom, jinnominaw punt fokali wieħed jew iktar fi ħdan il-gvern għall-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, u għandhom iqisu kif xieraq it-twaqqif jew ħatra ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fi ħdan il-gvern biex jiffaċilita l-ħidma relatata f'setturi differenti u f'livelli differenti.

2. L-Istati Partijiet għandhom, skont is-sistemi legali u amministrattivi tagħhom, iżommu, isaħħu, jispeċifikaw jew jistabbilixxu fi ħdan l-Istat Parti, qafas, inkluż mekkaniżmu indipendenti wieħed jew iktar, skont kif ikun xieraq, biex jippromwovi, jipproteġi u jissorvelja l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. Meta jispeċifikaw jew jistabbilixxu tali mekkaniżmu, l-Istati Partijiet għandhom jikkunsidraw il-prinċipji relatati mal-istatus u l-ħidma tal-istituzzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

3. Is-soċjetà ċivili, b'mod partikolari il-persuni b'diżabbiltà u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, għandhom jiġu involuti u jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-proċess ta' sorveljanza.

*Artikolu 34*

**Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà**

1. Għandu jitwaqqaf Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat"), li għandu jwettaq il-funzjonijiet msemmija hawn taħt.

2. Il-Kumitat għandu jikkonsisti, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, fi tnax-il espert. Wara sittin ratifika jew adeżjoni oħra għall-Konvenzjoni, in-numru ta' membri fil-Kumitat għandu jiżdied b'sitt membri, u jilħaq massimu ta' tmintax-il membru.

3. Il-membri tal-Kumitat għandhom iservu fil-kapaċità personali tagħhom u għandhom ikunu ta' kalibru morali għoli u ta' kompetenza u esperjenza magħrufa fil-qasam kopert minn din il- Konvenzjoni. Meta jinnominaw il-kandidati tagħhom, l-Istati Partijiet huma mistiedna jagħtu l-kunsiderazzjoni mistħoqqa lid-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3, ta' din il-Konvenzjoni.

4. Il-membri tal-Kumitat għandhom jiġu eletti mill-Istati Partijiet, filwaqt li tiġi kkunsidrata distribuzzjoni ġeografika ġusta, rappreżentazzjoni tal-forom differenti taċ-ċiviltà u tas-sistemi legali prinċipali, rappreżentazzjoni tas-sessi bilanċjata u parteċipazzjoni ta' esperti b'diżabbiltà.

5. Il-membri tal-Kumitat għandhom jiġu eletti permezz ta' vot sigriet minn lista ta' persuni nnominati mill-Istati Partijiet minn fost iċ-ċittadini tagħhom fil-laqgħat tal-Konferenza tal-Istati Partijiet. F'dawk il-laqgħat, li għalihom żewġ terzi tal-Istati Partijiet għandhom jikkostitwixxu kworum, il-persuni eletti fil-Kumitat għandhom ikunu dawk li jiksbu l-ogħla numru ta' voti u maġġoranza assoluta tal-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Partijiet li jkunu preżenti u jivvutaw.

6. L-elezzjoni tal-bidu għandha ssir mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni. Minn tal-inqas erba' xhur qabel id-data ta' kull elezzjoni, is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jindirizza ittra lill-Istati Partijiet fejn jistedinhom jibagħtu n-nominazzjonijiet fi żmien xahrejn. Sussegwentament, is-Segretarju-Ġenerali għandu jħejji lista f'ordni alfabetika tal-persuni kollha hekk nominati, u jindika l-Istati Partijiet li jkunu nnominawhom, u għandu jibgħatha lill-Istati Partijiet għal din il-Konvenzjoni.

7. Il-membri tal-Kumitat għandhom jiġu eletti għal terminu ta' erba' snin. Huma għandhom ikunu eleġibbli biex jiġu eletti mill-ġdid darba waħda biss. Madankollu, it-terminu ta' sitta mill-membri eletti fl-ewwel elezzjoni għandu jiskadi fi żmien sentejn; immedjatament wara l-ewwel elezzjoni, l-ismijiet ta' dawn is-sitt membri għandhom jintgħażlu bix-xorti mill-president tal-laqgħa imsemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

8. L-elezzjoni ta' sitt membri addizzjonali tal-Kumitat għandha ssir fl-okkażjoni ta' elezzjonijiet regolari, skont id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan l-Artikolu.

9. Jekk xi membru tal-Kumitat imut jew jirreżenja jew jiddikjara li għal kwalunkwe raġuni oħra huwa ma jistax ikompli jwettaq id-dmirijiet tiegħu, l-Istat Parti li jkun innomina lill-membru għandu jaħtar espert ieħor li jkollu l-kwalifiki u jissodisfa ir-rekwiżiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan l-Artikolu, biex iservi għall-bqija tat-terminu.

10. Il-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

11. Is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jipprovdi l-persunal u l-faċilitajiet neċessarji għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tal-Kumitat taħt din il-Konvenzjoni, u għandu jsejjaħ l-ewwel laqgħa tiegħu.

12. Bl-approvazzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-membri tal-Kumitat imwaqqaf taħt din il-Konvenzjoni għandhom jirċievu ħlas minn riżorsi tan-Nazzjonijiet Uniti b'tali termini u kondizzjonijiet kif tiddeċiedi l-Assemblea, wara li tkun ikkunsidrat l-importanza tar-responsabbiltajiet tal-Kumitat.

13. Il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu intitolati għall-faċilitajiet, privileġġi u immunitajiet ta' esperti fuq missjoni għan-Nazzjonijiet Uniti kif stabbilit fl-Artikoli relevanti tal-Konvenzjoni dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 35*

**Rapporti minn Stati Partijiet**

1. Kull Stat Parti għandu jibgħat lill-Kumitat, permezz tas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, rapport komprensiv dwar il-miżuri meħuda biex idaħħal fil-prattika l-obbligi tiegħu taħt din il-Konvenzjoni u dwar il-progress milħuq f'dan ir-rigward, fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni għall-Istat Parti kkonċernat.

2. Minn hemm 'il quddiem, l-Istati Partijiet għandhom jibagħtu rapporti sussegwenti mill-inqas kull erba' snin u barra dan kull meta l-Kumitat jitlob dan.

3. Il-Kumitat għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe linji gwida applikabbli għall-kontenut tar-rapporti.

4. Stat Parti li jkun bagħat rapport inizjali komprensiv lill-Kumitat mhuwiex meħtieġ, fir-rapporti sussegwenti tiegħu, jirrepeti informazzjoni li tkun ingħatat qabel. Fit-tħejjija tar-rapporti lill-Kumitat, l-Istati Partijiet huma mistiedna jikkunsidraw jagħmlu dan fi proċess miftuħ u trasparenti u jqisu kif xieraq id-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3, ta' din il-Konvenzjoni.

5. Ir-rapporti jistgħu jindikaw fatturi u diffikultajiet li jaffettwaw il-punt sa fejn jitwettqu l-obbligi taħt din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 36*

**Kunsiderazzjoni tar-rapporti**

1. Kull rapport għandu jitqies mill-Kumitat, li għandu jagħmel tali suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar ir-rapport skont kif jidhru li huwa xieraq u għandu jibgħat dawn lill-Istat Parti kkonċernat. L-Istat Parti jista' jirrispondi bi kwalunkwe informazzjoni li jagħżel li jibgħat lill-Kumitat. Il-Kumitat jista' jitlob mill-Istati Partijiet informazzjoni ulterjuri relevanti għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

2. Jekk xi Stat Parti ikun qabeż b'mod sinifikanti ż-żmien għas-sottomissjoni ta' xi rapport, il-Kumitat jista' jinnotifika lill-Istat Parti kkonċernat dwar il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni f'dak l-Istat Parti, fuq il-bażi ta' informazzjoni affidabbli li tkun disponibbli għall-Kumitat, jekk ir-rapport relevanti ma jintbagħatx fi żmien tliet xhur wara n-notifika. Il-Kumitat għandu jistieden lill-Istat Parti biex jipparteċipa f'dak l-eżami. F'każ li l-Istat Parti jirrispondi billi jibgħat ir-rapport relevanti, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jagħmel dawn ir-rapporti disponibbli lill-Istati Partijiet kollha.

4. L-Istati Partijiet għandhom jagħmlu r-rapporti tagħhom disponibbli b'mod wiesa' lill-pubbliku fil-pajjiżi tagħhom stess u jiffaċilitaw l-aċċess għas-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet ġenerali li huma relatati ma' dawn ir-rapporti.

5. Il-Kumitat għandu jibgħat, skont kif jidhirlu li huwa xieraq, lill-aġenziji speċjalizzati, fondi u programmi tan-Nazzjonijiet Uniti, u korpi kompetenti oħra, rapporti mill-Istati Partijiet sabiex jindirizza xi talba jew indikazzjoni ta' xi bżonn għal pariri tekniċi jew assistenza li jkunu jinsabu fihom, flimkien mal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat, jekk ikun hemm minnhom, dwar dawn it-talbiet u indikazzjonijiet.

*Artikolu 37*

**Koperazzjoni bejn l-Istati Partijiet u l-Kumitat**

1. Kull Stat Parti għandu jikkopera mal-Kumitat u jassisti lill-membri tiegħu fit-twettiq tal-mandat tagħhom.

2. Fir-relazzjoni tiegħu mal-Istati Partijiet, il-Kumitat għandu jagħti l-kunsiderazzjoni mistħoqqa għal modi u mezzi ta' titjib tal-kapaċitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, inkluż permezz ta' koperazzjoni internazzjonali.

*Artikolu 38*

**Relazzjoni tal-Kumitat ma' korpi oħra**

Sabiex titrawwem implimentazzjoni effettiva ta' din il-Konvenzjoni u sabiex titħeġġeġ koperazzjoni internazzjonali fil-qasam kopert minn din il-Konvenzjoni:

(a) L-aġenziji speċjalizzati u korpi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom ikunu intitolati biex ikunu rappreżentati matul il-kunsiderazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-mandat tagħhom. Il-Kumitat jista' jistieden lill-aġenziji speċjalizzati u korpi oħra kompetenti skont kif jidhirlu li huwa xieraq biex jagħtu pariri ta' esperti dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-mandati rispettivi tagħhom. Il-Kumitat jista' jistieden aġenziji speċjalizzati u korpi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti biex jibagħtu rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-attivitajiet tagħhom;

(b) Il-Kumitat, fil-qadi tal-mandat tiegħu, għandu jikkonsulta, skont kif ikun xieraq, korpi oħra relevanti imwaqqfa minn trattati internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tal-linji gwida ta' rappurtaġġ, tas-suġġerimenti u tar-rakkomandazzjonijiet ġenerali rispettivi tagħhom, u li jiġu evitati xogħol doppju u ndħil fuq xulxin fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

*Artikolu 39*

**Rapport tal-Kumitat**

Il-Kumitat għandu jirrapporta kull sentejn lill-Assemblea Ġenerali u lill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali dwar l-attivitajiet tiegħu, u jista' jagħmel suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet ġenerali fuq il-bażi ta' eżaminazzjoni tar-rapporti u l-informazzjoni riċevuti mill-Istati Partijiet. Tali suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet ġenerali għandhom jiġu inklużi fir-rapport tal-Kumitat flimkien ma' kummenti, jekk ikun hemm, mill-Istati Partijiet.

*Artikolu 40*

**Konferenza tal-Istati Partijiet**

1. L-Istati Partijiet għandhom jiltaqgħu regolarment f'Konferenza tal-Istati Partijiet sabiex jikkunsidraw kwalunkwe kwistjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

2. Sa mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Istati Partijiet għandha tissejjaħ mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-laqgħat sussegwenti għandhom jissejħu mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kull sentejn jew fuq deċiżjoni tal-Konferenza tal-Istati Partijiet.

*Artikolu 41*

**Depożitarju**

Is-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jkun id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 42*

**Iffirmar**

Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati kollha u minn organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'New York mit-30 ta' Marzu 2007.

*Artikolu 43*

**Kunsens għar-rabta**

Din il-Konvenzjoni għandha tkun suġġetta għar-ratifika minn Stati firmatarji u għall-konferma formali mill-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali firmatarji. Għandha tkun miftuħa għall-adeżjoni minn kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali li ma jkunux iffirmaw il-Konvenzjoni.

*Artikolu 44*

**Organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali**

1. "Organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali" għandha tfisser organizzazzjoni li tikkonsisti fi Stati sovrani ta' reġjun partikolari, li tkun ingħatat kompetenza mill-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' kwistjonijet irregolati minn din il-Konvenzjoni. Tali organizzazzjonijiet għandhom jiddikjaraw, fl-istrumenti ta' konferma formali jew adeżjoni tagħhom, il-firxa tal-kompetenza tagħhom fir-rigward ta' kwistjonijet irregolati minn din il-Konvenzjoni. Sussegwentament, huma għandhom jgħarrfu lid-depożitarju dwar kwalunkwe modifika sostanzjali fil-firxa tal-kompetenza tagħhom.

2. Ir-referenzi għal "Stati Partijiet" f'din il-Konvenzjoni għandhom japplikaw għal tali organizzazzjonijiet fi ħdan il-limiti tal-kompetenza tagħhom.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 45, paragrafu 1, u l-Artikolu 47, paragrafi 2 u 3, ta' din il-Konvenzjoni, kwalunkwe strument iddepożitat minn xi organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali m'għandux jingħadd.

4. Organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali, fi kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħhom, jistgħu jeżerċitaw id-dritt għall-vot fil-Konferenza tal-Istati Partijiet, b'numru ta' voti ugwali għan-numru ta' Stati Membri li huma Partijiet għal din il-Konvenzjoni. Tali organizzazzjoni m'għandhiex teżerċita id-dritt tal-vot tagħha jekk kwalunkwe Stat Membru tagħha jeżerċita d-dritt tiegħu, u viċeversa.

*Artikolu 45*

**Dħul fis-seħħ**

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara l-iddepożitar tal-għoxrin strument ta' ratifika jew adeżjoni.

2. Għal kull Stat jew organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali, li jikkonferma jew jissieħeb formalment ma' din il-Konvenzjoni wara d-depożitu tal-għoxrin tali strument, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-depożitu tal-istrument tiegħu.

*Artikolu 46*

**Riżervi**

1. Riżervi li mhumiex kompatibbli mal-għan u l-finijiet ta' din il-Konvenzjoni m'għandhomx ikunu permessi.

2. Ir-riżervi jistgħu jiġu rtirati fi kwalunkwe żmien.

*Artikolu 47*

**Emendi**

1. Kwalunkwe Stat Parti jista' jipproponi xi emenda għal din il-Konvenzjoni u jibgħatha lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jikkomunika kwalunkwe emenda proposta lill-Istati Partijiet, b'talba li jiġi nnotifikat dwar jekk humiex favur ta' konferenza tal-Istati Partijiet bl-iskop li jikkunsidraw u jiddeċiedu dwar il-proposti. F'każ li, fi żmien erba' xhur mid-data ta' tali komunikazzjoni, mill-inqas terz tal-Istati Partijiet ikunu favur tali konferenza, is-Segretarju-Ġenerali għandu jsejjaħ il-konferenza taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti. Kwalunkwe emenda adottata minn maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Istati Partijiet preżenti u li jivvutaw għandhom jintbagħtu lis-Segretarju-Ġenerali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-approvazzjoni u minn hemm 'il quddiem lill-Istati Partijiet kollha għall-approvazzjoni tagħhom.

2. Emenda li tkun adottata u approvata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara li n-numru ta' strumenti ta' approvazzjoni ddepożitati jilħaq iż-żewġ terzi tan-numru ta' Stati Partijiet fid-data tal-adozzjoni tal-emenda. Minn hemm 'il quddiem, l-emenda għandha tidħol fis-seħħ għal kwalunkwe Stat Parti fit-tletin jum wara l-iddepożitar tal-istrument ta' approvazzjoni tiegħu. Emenda għandha torbot biss lil dawk l-Istati Partijiet li jkunu aċċettawha.

3. Jekk ikun deċiż hekk mill-Konferenza tal-Istati Partijiet permezz ta' konsensus, emenda adottata u approvata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li tikkonċerna eskussivament l-artikoli 34, 38, 39 u 40 għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara li n-numru ta' strumenti ta' approvazzjoni ddepożitati jilħaq iż-żewġ terzi tan-numru ta' Stati Partijiet fid-data tal-adozzjoni tal-emenda.

*Artikolu 48*

**Denunzja**

Stat Parti jista' jiddenunzja din il-Konvenzjoni b'notifika bil-miktub lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Din id-denunzja għandha ssir effettiva sena wara d-data tar-riċeviment tan-notifika mis-Segretarju-Ġenerali.

*Artikolu 49*

**Format aċċessibbli**

It-test ta' din il-Konvenzjoni għandu jkun disponibbli f'formats aċċessibbli.

*Artikolu 50*

**Testi awtentiċi**

It-testi bl-Għarbi, biċ-Ċiniż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bir-Russu u bl-Ispanjol għandhom ikunu ugwalment awtentiċi.

B'XHIEDA TA' DAN il-plenipotenzjarji hawn taħt iffirmati, li huma debitament awtorizzati għal dan il-għan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

*ANNESS II*

**DIKJARAZZJONI DWAR IL-KOMPETENZA TAL-KOMUNITÀ EWROPEA FIR-RIGWARD TAL-MATERJI REGOLATI MILL-KONVENZJONI TAN-NAZZJONIJIET UNITI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-PERSUNI B'DIŻABBILTÀ**

(Dikjarazzjoni magħmula skont l-Artikolu 44(1) tal-Konvenzjoni)

L-Artikolu 44(1) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni") jipprevedi li organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali, fl-istrument tagħha ta' konferma formali jew adeżjoni, għandha tiddikjara l-firxa tal-kompetenzi tagħha fir-rigward ta' materji regolati mill-Konvenzjoni.

Il-membri attwali tal-Komunità Ewropea huma r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika ta' Franza, ir-Repubblika tal-Italja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tal-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.

Il-Komunità Ewropea tinnota li għall-finijiet tal-Konvenzjoni, it-terminu "Stati Partijiet" japplika għal organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali fil-limiti tal-kompetenza tagħhom.

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Persuni b'Diżabbiltà għandha tapplika, fir-rigward tal-kompetenza tal-Komunità Ewropea, għat-territorji li fihom huwa applikat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 299 tiegħu.

Skont l-Artikolu 299, din id-Dikjarazzjoni mhix applikabbli għat-territorji tal-Istati Membri fejn it-Trattat imsemmi ma japplikax u hija mingħajr preġudizzju għal tali att jew pożizzjonijiet li jistgħu jiġu adottati skont il-Konvenzjoni mill-Istati Membri kkonċernati f'isem u fl-interess ta' dawk it-territorji.

F'konformità mal-Artikolu 44(1) tal-Konvenzjoni, din id-Dikjarazzjoni tindika l-kompetenzi ttrasferiti mill-Istati Membri lill-Komunità skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fl-oqsma koperti mill-Konvenzjoni.

Il-kamp ta' applikazzjoni u l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Komunità huma, fin-natura tagħhom, suġġetti għal żvilupp kontinwu u l-Komunità ser tikkonkludi jew temenda din id-dikjarazzjoni, jekk meħtieġ, skont l-Artikolu 44 tal-Konvenzjoni.

F'xi materji, il-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva u f'materji oħrajn, il-kompetenza hija kondiviża bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. L-Istati Membri jibqgħu kompetenti għall-materji kollha li għalihom ma ġiet ittrasferita ebda kompetenza lill-Komunità Ewropea.

Fil-present:

1. Il-Komunità għandha kompetenza esklussiva fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq komuni u t-tariffa doganali komuni.

   Safejn id-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja huma affettwati mid-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni, il-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva li taċċetta tali obbligi fir-rigward tal-amministrazzjoni pubblika proprja. F'dan ir-rigward, il-Komunità tiddikjara li għandha s-setgħa li tirregola r-reklutaġġ, il-kondizzjonijiet tas-servizz, ir-remunerazzjoni, it-taħriġ eċċ. ta' uffiċjali mhux eletti skont ir-Regolamenti tal-Persunal u r-regoli implimentattivi għal dawk ir-Regolamenti ([1]).

2. Il-Komunità tikkondividi l-kompetenza mal-Istati Membri fir-rigward tal-azzjoni dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tad-diżabbiltà, il-moviment liberu ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital, l-agrikoltura, it-trasport bil-ferrovija, bit-triq, bil-baħar u trasport bl-ajru, it-tassazzjoni, is-suq intern, paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa, il-politika dwar in-Netwerk Trans-Ewropew u l-istatistika.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

Il-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva biex tidħol f'din il-Konvenzjoni fir-rigward ta' dawk il-materji unikament safejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jew l-istrumenti legali adottati fl-implimentazzjoni tagħhom jaffettwaw ir-regoli komuni stabbiliti qabel mill-Komunità Ewropea. Meta r-regoli Komunitarji jeżistu iżda ma jkunux affettwati, b'mod partikolari f'każijiet ta' dispożizzjonijiet Komunitarji li jistabbilixxu biss standards minimi, l-Istati Membri għandhom kompetenza, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Komunità Ewropea li taġixxi f'dan il-qasam. Mill-bqija, il-kompetenza hi tal-Istati Membri. Lista ta' atti rilevanti adottati mill-Komunità Ewropea tidher fl-Appendiċi mehmuż. Il-firxa tal-kompetenza tal-Komunità Ewropea li tirriżulta minn dawn l-atti għandha tkun ivvalutata b'riferiment għad-dispożizzjonijiet preċiżi ta' kull miżura, u b'mod partikolari, il-punt safejn dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu regoli komuni.

3. Il-linji politiċi tal-KE li ġejjin jistgħu jkunu rilevanti wkoll għall-Konvenzjoni NU: L-Istati Membri u l-Komunità għandhom jaħdmu sabiex jiżviluppaw strateġija kkoordinata għall-impjiegi. Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kwalità tal-edukazzjoni billi tħeġġeġ il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom. Il-Komunità għandha timplementa politika ta' taħriġ vokazzjonali li għandha tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri. Sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż ġenerali tagħha, il-Komunità għandha tiżviluppa u ssegwi l-azzjonijiet tagħha li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali tagħha. Il-Komunità twettaq politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp u koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri.

*Appendiċi*

ATTI KOMUNITARJI LI JIRRIFERU GĦAL MATERJI REGOLATI MILL-KONVENZJONI

L-atti Komunitarji elenkati hawn taħt juru l-firxa tal-qasam ta' kompetenza tal-Komunità f'konformità mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. B'mod partikolari, il-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva fir-rigward ta' xi materji u f'xi materji oħrajn, il-kompetenza hija kondiviża bejn il-Komunità u l-Istati Membri. Il-firxa tal-kompetenza tal-Komunità Ewropea li tirriżulta minn dawn l-atti għandha tkun ivvalutata b'riferiment għad-dispożizzjonijiet preċiżi ta' kull miżura, u b'mod partikolari, il-punt safejn ndawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu regoli komuni li huma affettwati mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

— rigward l-aċċessibbiltà

Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom (ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10)

Id-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwarda d-dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi użati għat-trasport ta' passiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq, u li temenda d-Direttivi 70/156/KEE u 97/27/KE (ĠU L 42, 13.2.2002, p. 1)

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6) kif emendata mid-Direttiva 2004/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114)

Id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1) – kif emendata mid-Direttiva 2004/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114)

Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1)

Id-Direttiva 2003/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/16/KE dwar ir-regoli u n-normi ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 18).

Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru") (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/164/KE tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà (STI) rigward il-"persuni b'mobbiltà mnaqqsa" fis-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja (ĠU L 64, 7.3.2008, p. 72)

Id-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 1995 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-lifts (ĠU L 213, 7.9.1995, p. 1), kif emendata mid-Direttiva 2006/42/KE 2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24)

Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadra) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33)

Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51)

Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14) kif emendata mid-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-ftuħ ulterjuri għal kompetizzjoni tas-servizzi postali Komunitarji. (ĠU L 176, 5.7.2002, p. 21) u kif emendata mid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji (ĠU L 52, 27.2.2008, p. 3)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25)

Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1)

Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114)

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 076, 23.03.1992 p. 14) kif emendata mid-Direttiva Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 31)

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33) kif emendata mid-Direttiva Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 31).

— fil-qasam tal-għajxien indipendenti u l-inklużjoni soċjali, ix-xogħol u l-impjiegi

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2289/83 tad-29 ta' Lulju 1983 li jniżżel dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 70 sa 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 li jistabilixxi sistema Komunitarja ta' arranġamenti mingħajr dazju (ĠU L 220, 11.8.1983, p. 15)

Id-Direttiva tal-Kunsill 83/181/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tiddetermina l-iskop tal-Artikolu 14(1)(d) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (ĠU L 105, 23.4.1983, p. 38)

Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006 p. 23)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 tat-28 ta' Marzu 1983 li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjoniiet minn dazju doganali (ĠU L 105, 23.4.1983, p. 1)

Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1), kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2009/47/KE tal-5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 116, 9.5.2009, p. 18)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilipp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1)

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51)

— fil-qasam tal-mobbiltà personali

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 1)

Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18)

Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiggieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4)

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006 p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1899/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3922/91 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 377, 27.12.2006, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14)

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008 tal-11 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar il-ħtiġijiet tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li japplikaw għat-trasport kummerċjali bl-ajruplan (ĠU L 10, 12.1.2008, p. 1)

— fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67), kif emendata mid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 34)

Id-Direttiva 2007/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 27)

Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1)

Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 167, 22.6.2001 p. 10)

Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22)

— rigward il-ġbir ta' data u statistika

Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3) flimkien mar-Regolamenti implimentattivi relatati

Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) (ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1) flimkien mar-Regolamenti implimentattivi relatati

Ir-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' April 2007 dwar is-sistema Ewropea tal-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS) (ĠU L 113, 30.4.2007, p. 3) flimkien mar-Regolamenti implimentattivi relatati

Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70)

— fil-qasam tal-koperazzjoni internazzjonali

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41)

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) (ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1)

*ANNESS III*

**RIŻERVA MILL-KOMUNITÀ EWROPEA GĦALL-ARTIKOLU 27(1) TAL-KONVENZJONI NU DWAR ID-DRITTIJIET TAL-PERSUNI B'DIŻABBILTÀ**

Il-Komunità Ewropea tiddikjara li skont il-liġi Komunitarja (notevolment id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol), l-Istati Membri jistgħu, jekk ikun adatt, idaħħlu r-riżervi tagħhom stess għall-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Diżabbiltajiet safejn l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva msemmija tal-Kunsill jagħtihom id-dritt li jeskludu n-nondiskriminazzjoni minħabba diżabbiltà fir-rigward tal-impjieg fil-forzi armati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Għalhekk, il-Komunità tiddikjara li hi tikkonkludi l-Konvenzjoni mingħajr preġudizzju għad-dritt imsemmi hawn fuq, mogħti lill-Istati Membri bis-saħħa tal-liġi Komunitarja.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta’ Novembru 2009

## li tiddetermina l-ewwel reġjuni għall-bidu tal-attivitajiet tas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 8542)*

**(It-testi fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Olandiż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Germaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż biss huma awtentiċi)**

(2010/49/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta’ Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta’ dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) ([1]), u b’mod partikulari l-Artikolu 48(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 jipprovdi għal implimentazzjoni progressiva tal-attivitajiet tal-VIS. Għalhekk, hu meħtieġ li jiġu ddeterminati l-ewwel reġjuni fejn id-dejta li għandha tiġi pproċessata fil-VIS, inklużi ritratti u dejta dwar il-marki tas-swaba’, għandha tinġabar u tiġi trażmessa lill-VIS għall-applikazzjonijiet kollha tal-viża fir-reġjun ikkonċernat, matul l-ewwel fażi tal-implimentazzjoni progressiva.

(2) L-Artikolu 48(4) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 jipprovdi għad-determinazzjoni ta’ dawn ir-reġjuni abbażi l-kriterji li ġejjin: ir-riskju tal-immigrazzjoni illegali, it-theddid lis-sigurtà interna tal-Istati Membri u l-probabbilità li jinġabru elementi bijometriċi mill-postijiet kollha f’dan ir-reġjun.

(3) Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni għar-reġjuni differenti hekk kif definit fl-2005 mill-esperti tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni progressiva tal-VIS, u tikkunsidra, speċjalment għall-ewwel kriterju, elementi bħar-rati medji għar-rifjut tal-viża u għar-rifjut tad-dħul għal kull wieħed mir-reġjuni kkonċernati, u, għat-tielet kriterju, il-fatt li preżenza jew rappreżentanza konsulari għandha tiżdied f’ċerti reġjuni biex tiġi implimentata l-VIS f’dawn ir-reġjuni.

(4) Skont din il-valutazzjoni, l-ewwel reġjun fejn il-ġbir u t-trażmissjoni tad-dejta tal-viża lill-VIS għandha tibda għall-applikazzjonijiet kollha tal-viża għandha tkun l-Afrika ta’ Fuq.

(5) It-tieni reġjun fejn il-ġbir u t-trażmissjoni tad-dejta tal-viża lill-VIS għandhom jibdew għall-applikazzjonijiet kollha tal-viża għandu jkun il-Lvant Qrib, bl-eċċezzjoni tat-territorju okkupat tal-Palestina minħabba d-diffikultajiet tekniċi serji li jistgħu jiġu affaċċjati meta jiġu mgħammra l-postijiet jew l-uffiċċji konsulari kkonċernati. Fi stadju aktar tard Deċiżjoni għandha tiġi adottata rigward il-bidu tal-attivitajiet tal-VIS f’dan it-territorju.

(6) It-tielet reġjun fejn il-ġbir u t-trażmissjoni tad-dejta tal-viża lill-VIS għandhom jibdew għall-applikazzjonijiet kollha tal-viża għandu jkun ir-Reġjun tal-Golf.

(7) Biex jiġi evitat dewmien bejn il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-ħarsien tas-sigurtà interna, il-punti ta’ qsim tal-fruntiera ta’ Schengen għandhom jiġu nnominati bħala reġjun separat għat-tnedija biex ikopru l-applikazzjonijiet tal-viża ppreżentati fil-fruntieri esterni. L-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jibdew jiġbru u jittrażmettu d-dejta lill-VIS fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera esterna malajr kemm jista’ jkun biex jevitaw li t-tnedija fir-reġjuni tiġi evitata minn ċittadini ta’ pajjiż terz ta’ dawn ir-reġjuni, billi jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fil-fruntieri esterni.

(8) Id-data tal-bidu tal-attivitajiet f’kull wieħed minn dawn ir-regjuni għandha tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 48(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

(9) Għad-determinazzjoni tar-reġjuni aktar ‘il bogħod, għandhom jittieħdu Deċiżjonijiet sussegwenti fi stadju aktar tard abbażi valutazzjoni addizzjonali u aġġornata ta’ dawn ir-reġjuni oħrajn skont il-kriterji relevanti u l-esperjenza mal-implimentazzjoni fl-ewwel reġjuni definiti b’din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.

(10) Skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 767/2008 u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, billi dak ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti III tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, permezz tal-ittra tat-13 ta' Ottubru 2008, id-Danimarka nnotifikat, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll, it-traspożizzjoni ta' dan l-*acquis* fil-liġi nazzjonali tagħha. Għalhekk, hija marbuta taħt il-liġi internazzjonali biex timplimenta din id-Deċiżjoni.

(11) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen ([1]). Għalhekk ir-Renju Unit mhux marbut minnha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tiġi indirizzata lir-Renju Unit.

(12) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen ([2]). Għaldaqstant l-Irlanda mhix marbuta jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tiġi indirizzata lill-Irlanda.

(13) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([3]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim ([4]).

(14) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([5]), li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1(B) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([6]) u 2008/149/ĠAI ([7]).

(15) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-assoċazzjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt (B) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/261/KE ([8]) u 2008/262/KE ([9]).

(16) Fir-rigward ta' Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi dispożizzjonijiet li jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li hu b'xi mod ieħor relatat miegħu fit-tifsira tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

(17) Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi dispożizzjonijiet li jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li hu b'xi mod ieħor relatat miegħu fit-tifsira tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005.

(18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ([10]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-reġjuni fejn il-ġbir u t-trażmissjoni tad-dejta lis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għandha tibda skont l-Artikolu 48(1)(c) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 huma dawn li ġejjin:

([1]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
([2]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([5]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
([7]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50.
([8]) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.
([9]) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 5.
([10]) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.

— L-ewwel reġjun:

l-Alġerija,

l-Eġittu,

il-Libja,

il-Mawritanja,

il-Marokk,

it-Tuniżja.

— It-tieni reġjun:

l-Iżrael,

il-Ġordan,

il-Libanu,

is-Sirja.

— It-tielet reġjun:

l-Afganistan,

il-Baħrejn,

l-Iran,

l-Iraq,

il-Kuwajt,

l-Oman,

il-Qatar,

l-Għarabja Sawdija,

l-Emirati Għarab Magħquda,

il-Jemen.

*Artikolu 2*

Il-punti ta' qsim tal-fruntiera esterna, skont ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (1), jikkostitwixxu reġjun separat. Għal applikazzjonijiet tal-viża ppreżentati fil-fruntieri esterni, il-ġbir u t-trażmissjoni tad-dejta lill-VIS għandha tibda skont l-Artikolu 48(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran-Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblka tal-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju tal-Olanda, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija, lir-Repubblika ta' Slovenja, lir-Repubblika Slovakka, lir-Repubblika tal-Finlandja, lir-Renju tal-Isvezja.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jacques BARROT
*Viċi President*

(1) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT